# ANALIŻI '70

mario azzopardi
oliver friggieri
victor fenech
daniel massa



# analiżi '70

(poeżiji)

01922

Mitbugħ fil-Union Press
— 1970 —

JEDD RISERVAT TA' L-AWTURI
— 1970 —

# *Analiżi '70*

*(it-tielet kwartett)*

*Mario Azzopardi*

*Victor Fenech*

*Oliver Friggieri*

*Daniel Massa*

# — WERREJ —

## *Mario Azzopardi*


10 suite 345
10 avviżi klassifikati
11 maż-żlieġa tax-xema tinħaraq
12 il-lejla x-xita
12 naffar-it-tajr
13 newsdesk L70
13 phobia
14 jekk għada tkun wara l-kantuniera
14 passivita'
15 il-ministeru tas-simpatija
15 meta jitbaxxa d-dawl
15 gumi yam yam
16 epika 188
16 orbita tnax
17 lullaby
18 versi 270
19 u l-libsa tiegħek bajda
19 bidla
20 unfinished suite 869
22 monokromiżmi
22 imsiemer
23 pater noster
24 jien mitt elf mewta
25 24 xemgħa
26 numru 1100
26 paralleliżmi
26 jekk għada jisbaħ
26 viżjoni 22x
27 mirage x
28 baqqa
28 notturn
29 "ħoss polz idi"


## *Victor Fenech*


32 Dies Irae
32 Dies Illa
33 'Beat'
33 Lilek
34 L-Għefiered tal-Wied
34 Holma
35 U Rmewha Taħt Is-Sur
36 Testment
36 Stqarrija
37 'Make Love Not War'
38 Ballata '69
39 Ritratt I
39 Ritratt II
40 Din L-Art Helwa, Din L-Art li Alla Tana
41 Epigrammi
42 Diskors tal-Mexxej ta' Maltopja fil-Hamsin Anniversarju tal-Għoti tal-Indipendenza Hip Hip Hooray!
42 Komunikazzjoni
43 Illum L-Istabbiliment
44 Tfittxija
45 Londra, Inħobbok!
45 Fuq Għoljiet Dingli
46 Kantaliena
46 Laam
47 X'Inħobb X'ma Nħobbx
47 Snapshot
48 Hsibijiet Fuq Stil Hajku

# *Oliver Friggieri*


54 Versi
54 L-Ghajta tal-Mibegħda
55 Milied Tiegħi
56 Il-Mewt Indifferenti
56 Konverżjoni ta' Mument
57 Firda
57 Mistoqsija
58 Sakemm Insibu s-Sqaq
59 Versi Oħra
59 Insomnja
60 U Meta, Mulej?
60 Talba
61 Kruha u Sbuħija
61 Il-Qawwiet ta' ġo Fija
62 'Humanae Vitae'
63 Lilek
64 Laħam
64 Liema l-Isbaħ?
65 Halel
66 Determiniżmu
67 Korruzzjoni
68 Dramm f'Żewġ Atti
69 Qabel Idoqqu l-Għaxra
70 Illejla t-Toroq
70 Id-Differenza
71 U Issa li l-Irwiefen Reġgħu Stenbħu
72 Lil Malta
73 Xortija


# *Daniel Massa*


76 Mewt qalb l-Għerien
77 Delimara
78 Nemesi
79 Kaċċa
80 Ritratt
80 Warda
81 Salon
82 Traffic Lights
82 X-Ray
83 Deflorazzjoni
84 Pasiphae
85 Abort
86 L-Iskuna tal-Holm
87 Għid tal-Mejtin
88 Weraq
88 Vjola
90 Progress
90 Searchlight
93 Indeċiżjoni
94 Kaxxa
94 Epifanija
95 Pentekoste II


# *Il-Kritici dwar "Antenni"*

# Dwar 'Analizi '70'

*WARA l-merħba li kellhom "Kwartett" (1966) u "Antenni" (1968), issa jmiss it-tielet damma ta' poeżija li ġġib l-isem ta' "Analiżi '70".*

*Mario Azzopardi jissokta fejn ħalla f'"Antenni", waqt li Daniel Massa jerġa' jidher b'ġabra ġdida mindu l-poeżija tiegħu dehret fl-ewwel kwartett.*

*Ir-raba' awtur huwa Oliver Friggieri, kritiku letterarju barra li poeta, u wieħed mit-tliet awturi li fl-1967 ħarġu flimkien bil-ġabra "Dħaħen fl-Imħuħ".*

*L-erbgħa li aħna għandna t-twemmin poetiku tagħna li mhux dejjem jaqbel, iżda l-erbgħa ninsabu tal-fehma li l-poeżija hi mezz ta' komunikazzjoni soċjali.*

*Minkejja li ċerti kritiċi ta' żmienna jemmnu li l-poeta modern qiegħed jagħmel djalogu miegħu nnifsu, aħna nistqarru li d-djalogu tal-poeżija tagħna hu bejn l-awtur u l-qarrej.*

*Din il-ġabra trid tilħaq żewġ għanijiet: l-espressjoni poetika ta' kull wieħed minna, u t-tkabbir tal-Letteratura Maltija li tagħti tifsira elevata lill-pajjiż u lill-ħajja tagħna.*

VICTOR FENECH

# *Mario Azzopardi*

*Twieled il-Ħamrun fl-1944. Studja l-Liċeo u f'St. Michael's College of Education. Għalliem fl-iskejjel tal-Gvern. Poeżiji tiegħu imxandrin f'Malta u barra. Ko-awtur ta' "Antenni" (1968). Fl-1969, ix-xogħlijiet tiegħu ġew ippreżentati f'simposju ta' poeżija internazzjonali f'Tennesse u Oklahoma. Wieħed mill-fundaturi u Viċi-President tal-Moviment Qawmien Letterarju. Membru tal-bord editorjali ta' "il-polz". Editur Kulturali ta' "l-orizzont" u korrispondent ta' l-arti għal "The Malta Economist". Disinjatur għall-palk u għal kotba u rivisti lokali.*

## suite 345

l-imqadef iżaqżqu melodija mibruxa
f'dil-firxa kalma moribonda
in-nies tar-raħal tistenna l-ġdid
in-nies tar-raħal tistenna
il-ħin ċatt u l-minutieri jimbarmu 'l isfel
imriegħexa w maħsuda jqattru l-astratt
in-nies tar-raħal tistenna jiġri xi ħaġa
u l-kampnar tal-knisja
jqanpen agunija oħra
fit-3 ta' wara nofsinhar ix-xemx tinfaqa'
in-nies tar-raħal tinfileġ taħt il-kedda li ma tifhimx
l-ispazju (jieħu dimensjonijiet strambi
u l-lejl isibħom hemm taħt jistennew
taħt qamar żlugat
hemm taħt jistennew il-milja
tal-aċċident
iżda fir-raħal qatt ma jiġri xejn
qatt ma jiġri xejn.

## avviżi klassifikati

*għall-kiri:* siluwett trasparenti ta' idejoloġiji
mtaqbin b'misterji qodma.
*mitluf:* l-alla li qiegħed infittx mhux dak li darba
blajt mal-prespbiterju.
*twelid:* ċama ċama t-tielet tarbija tiegħi
tneqqi l-melħ tas-superstizzjoni
fil-kappella tal-madonna qsajra.
*għall-bejgħ:* spażmi ta' mmensita' li ma tintmessx
organiżmi jobżqu l-morr tal-ħall
li xorob l-imgħallaq.
melodija ta' stennija għal dejjem.
għasafar għomja jsawwtu fidi ċċungata.
ħajja pperforata kumpless ġebel
f'kesħa neolitika.
ħannieqa dmugħ ta' qtar sogħbiena
jaqgħu bla ħoss mal-art — u jintrifsu.

## maż-żlieġa tax-xemgħa tinħaraq

is-swaba magħluba ġerrejja
: u jgħanni l-armonju stunat
        b'qalbna safja mal-anġli puri jgħassu
sfond imdieheb *a la* cremona (madonna kif se nħallsuh
bis-sold fil-kopp) l-armonju jnewweh id-dnub — kbir daqs demb
l-iljun ta' san mark —
ta' min intasab — u jduru quddiemi midneb u pubblikan
        isabbat fuq sidru
l-mea culpa mea mulej maxima culpa
w bela' jliegħeq xoftu ħaruf t'alla mwettaq
elf u darba fuq il-mitbaħ tal-irħam
                        ġakobb stallett
                        dulur
                        safra xema (m'hux hekk) iż-żlieġa
musfara tq-
        att-
        ar quddiem sant antnin ċass daqs ġebla tal-franka
        (il-mikro (bi) fnu jħanxar il-paradoss tat-tarawni
        w tal-ftit-ieħor
ma — tarawnix) u n-nies żaqqha taqleb il-gabirjoli bil-
                        grazzja t'alla tit-m a tt a r
                        fuq is-siġġijiet tat-tibna
                        toħlom l-imqarrun u r-ross il-forn
araw HUTI DAK HRUQ LI HEMM FIL-INFERN
ma nitqanqalx
b'qalb (i) na safja ma' l-anġli tas-sema (sejjer ground? —
                                                viva maria
                                                x'ġisem għandha
l-andress — — ) magħhom nitt--eee---ww-bu taħt in-navi
jnemmsilna hemm alla tal-kartapesta msammar b'imsiemer
finta ramm illustrat — m'hux hekk m'hux hekk —
salbu (ni): b'idejja miftu---ħ---a bejn żewġ kampnari
w aħarqu moħħi jdaħħan sagrifiċċju f'inċensier
erħuni nissawwab bejn il-kustilji ta' kurċifiss
kontemporanju.

## il-lejla x-xita

tfajla tibkix — ħallini nilmaħ l-eżmerald verġni f'għajnejk
fid-dawl tal-lampa: tiċċaqlaqx
ix-xita tqattar nida perli l'għada forsi ndomm għalik
illejla rrid nibbalzmak mummja bla faxex
f'tempju mqaddes mill-ispirti w ninsa x-xita
tqattar — tqattar
fuqna
ħallini nħoss b'ħofriet ħaddejja l-minfaħ sliem ta' sidrek
int mellisli xagħari jew għoddli
ħames posti ż-żibeġ ta' dahari 'mbagħad
aħlibni bla n i f s
tfajla tibkix — il-lejla x-xita se ddub f'għaxwa
l-ansjeta' ta' mitt kalvarju
fuq qurriegħa blata xewk w għollieq
dan tagħna mhux preludju mtenni
mhux dellirju ħolm jew passi flora
l-anqas oppju l-anqas ħarb fuq karru nar
se nerġa' nbusek: titniegħedx
. . . u issa tagħmilx ħoss
dawk t'hemm barra reġgħu ġew
bl-umbrelel kbar tal-landi
jekk jintebħu bid-duħħan tas-sagrifiċċju tagħna
lili jikkastrawni b'xeba' vireg tal-bambu'
lilek jorbtuk ma' kanizzata
friegħi twal milwija ganċ
u

## naffar-it-tajr

din l-eżistenza
din id-diskoteka t'ilħna strambi blu
dan it-tismir bla ritmu xejn
fuq twavel-dekalogu jgħajjtu l-kompromess
din l-eżistenza tagħfasni w trossni
naffar-it-tajr imqatta'
mill-karba tar-riħ
b'nifs ħurħara.

## news desk L70

*"se nagħtukom ġabra ta' aħbarijiet ta' dawn*
*l-aħħar erbgħa u għoxrin siegħa"*
skond ma rrapurtaw il-qawwiet militari tan-niġerja
federali awtoritajiet konċernati ma kkummentawx
dwar li karfusa saret tiswa għaxar soldi
kull pass lejn metamorfosi mjassra mit-tirann
kull muskolu mġebbed jċaqċaq imħabba miġnuna
kull ċentigrad isaħħan f'dellirju d-deni ta' psewdo
ribell jitnikker bin-nhar jitnikker bil-lejl
quddiem il-buttuni suwed taċ-ċirkustanzi

*"ta' dawn l-aħħar erbgħa u għoxrin siegħa"*
arthur miller iċċensurat waqt sensiela ta'
taħditiet ġodda bejn l-amerka u peking fuq
livell ambaxxatorjali
kull siegħa tigref misluħ l-arloġġ tal-verita'
kull siegħa tinġazza fibra ġdida f'ġisem fraġli
kull mument jobrox farrett fuq moħħ poeta
ħjiel ta' tifsir tat-tkattir tal-ħobż u l-ħut
jew qabda lampuki w makku fix-xibka ta' pietru
jew lożor bir-rakkmu imċappsa bl-ewwel dmija
ta' tfajla mbissma li verġni m'għadhiex
kull siegħa
kull siegħa ttektek passi mriegħxa
lejn qabar fejn difnu morali bla sinsla
kull siegħa tbandal il-pendlu misnun
ta' ġustizzja għamja

*"ġabra oħra ta' aħbarijiet lokali terġa' tixxandar*
*għall-ħabta tat-tmienja u ħamsa" . . .*

## phobia

bejn il-kunċett u l-attwalita' — nittama
bejn l-idejal u r-realta' — nitniegħed
f'dal-wied fejn kulħadd iħares lejja suspettuż — nitbikkem
u meta jidlam insir fatat bla sura
nistenna l-ġudizzju.

## jekk għada tkun wara l-kantuniera

għalija int biss mandolina tqattar it-tentazzjoni
l-għaraq li jaħsel il-ktajjen ta' ħajti
jevapora ġo sħab l-imwiet
u fl-għaxijiet sajfija
r-realta' ta' sidrek għasel tinħeba
wara l-eki tat-tnabar ritwali tal-gruppi beat.
il-ħ'ut bizzilel li jdawwruk taħt mikroskopju
għalija huma wajer iniggeż
fruntiera bejn ġenna u 'nfern.
jekk għada tkun wara l-kantuniera
nħarislek f'għajnejk: jekk tħares f'tiegħi
minn wara n-nuċċali tara kwartett dbieb
magħluba jiġbdu wrajhom
karru jżaqżaq bil-fus maqsum.

## passivita'

qtar-għaraq ixoqq żibeġ f'nofs deżert afrikan
u l-metafiżika t'arloġġi mdendlin
mal-blat minutieri bla saħħa mitluqa
jittewbu
elf ħolma ta' sogħba
elf ħsieb mhux imwettaq
u trapjantat
l-għaraq mibdul stallattiti w stalagmiti
kesħin silġ: id-deżert afrikan trasformat
fi bjuda ta' ġenn u metall inġazzat:
tasal tnewwaħ il-weġgħa tas-sitar indjan
il-fibri jibbiesu
l-għaraq jisfa' kromju bla ħajja
u l-minutieri tal-arloġġi
bla saħħa
jindiegħexu kemmxejn
u jerġgħu imutu zopptu
mingħajr tama ta' rxoxt ġdid.

## il-ministeru tas-simpatija

għaddejt kisnijiet minn quddiem il-ministeru
tas-simpatija
dal-ministeru tala' fil-qalba ta' vjal b'ħafna siġar
li ssaqqew bid-dmugħ tal-kukkudrilli
        fuq is-siġar f'bejtiet bix-xewk l-għasafar
        imnittfa jkantaw l-alleluja f'ġieħ l-alla-ministru
fis-swali tal-ministeru typewriters suwed
iqarmċu noti sterjotipati mibżuqa
fuq karta saħħara:
        aħna nifhmu aħna nagħdru aħna nifhmu
        aħna nagħdru aħna nifhmu aħna nagħdru
u fil-ministeru tas-simpatija tinħass il-ħtieġa
ta' tubi bl-ossiġnu għax l-amministrazzjoni spiss
taqta' nifisha fi spażmi konvulżivi
t'altruwiżmu akut — u tikħal maħsula bl-għaraq
    u aħna nifhmu u nagħdru wkoll.

## meta jitbaxxa d-dawl

meta jitbaxxa d-dawl
u l-kurċifiss ta' fuq is-sodda jittewweb
in-nagħas u n-noia ta' redenzjoni bla siwi
l-blatiet ta' ruħi nismagħhom iċaqċqu mbikkma
        u nhewden ħajti xmara imbid qares
        u t-telqa li ġieb miegħu apollo 8
        jbassar sulari joborxu riġel is-sema
iżda t-tnemnima dawl itteptep bla saħħa tixħet
negattivi mwerrċa ġos-swali tar-ruħ
meta jitbaxxa d-dawl u l-kurċifiss ta' fuq is-sodda
jiġġebbed għajjien ma' kull qamar ġdid
niġbed nifs qawwi nimbaram embryo
u nigdem irkobbti taħt kutra witney.

## gumi yam yam

mitt ħolma li ħlomt — elf demgħa li ġbart fi kwies
fondi bla qiegħ            irfist fuq dell l-imgħoddi
u qsamt għarqubi ma' kull pass li tajt — noħlom eternita'
fil-bogħod — fil-bogħod
jixgħel neon gumi yam yam
u nerġa' nibki dmugħ lumija

## epika 188

in-nies tqila tistenna jseħħ il-miraklu l-kbir
jum wara jum
l-għajn li tara kollox iddur riflettur fuqhom u fuqi
dudu bla saħħa jilgħab noli maċ-ċirkustanzi
elf karba f'għerien mudlama — elf weġgħa misnuna mar-ras
elf mewġa fil-gaġġa tal-moħħ
il-linji jżarżru network bħal-linji li tinseġ
dubbiena tas-sajf lewn iċ-ċomb
u lili ssallabbni
gulliver man-nani xettiċi
telgħin u neżlin hawn fuq żaqqi
jdejja għarqana f'saqajja t-tingiż
tal-labar tad-deni — nistenna
nistenna bħal dejjem
nistenna bħan-nies t'hemm barra.

## orbita tnax

'il fuq mill-labirint t'antenni suspettużi
jinfduli kustat ġa mbenġel ikħal 'il fuq mit-tiċlis
ta' masturbazzjoni triehed fehmiet tal-ġenn 'il fuq
mill-karba fgata t'orgażmu mekkanizzat 'il fuq
mill-għola koppla mqaddsa f'ġieħ vanġeli morda 'l fuq
'il fuq f'titjira mistika maqtugħ
waħdi
fl-ispazju tar-raba' dimensjoni
astronawta verġni mill-ħsieb u l-għelt miġbud
minn tubu ġdid ta' twemmin ġdid kull pass ħafif
li nagħti jbiegħdni 'l fuq 'il fuq
f'orbita miegħi innifsi
hawn fuq
ma jaslux it-tnabar ritwali li felħu
jnixxfuni skeletru mitruħ hawn fuq
kollox ħiemed u trasparenti u
jekk hemm alla se nsibu
f'tarf-it-tubu
jpejjep il-misteri

**lullaby — (lil yevgeny)**

orqod fil-fond u oghdos fil-mewġ tajjar
tal-ħolm trankwill
orqod ibni orqod

int titfagħni taħt giljottina ta' biża' ġdid
u ttaqqalli msarni ħobbla twegħir
meta tħarisli f'għajnejja
minn fuq il-mitbaħ tari ta' jiemek inħoss
il-kundanna miktuba tikwi fuq ġbini
għidli
tarani miftuħ beraħ jew magħluq u mtappan
ħġieġa bit-trab tarani sħun jew biered
jew muntanja silġ
tissemma 'l vixxri ta' qalbi kamra tal-gass
jew minfaħ pulmuni jħabbtu n-nifs li rrid
inrejqek bih jew mod ieħor
orqod fil-fond u oghdos fil-mewġ tajjar...
iżda għada
meta x-xemx titwerriċlek f'ballun maħruq
tfittix il-kenn taħt dawn l-arkati fraġli kustilji
mgħawwġin ħnejjiet tal-ġelu rħis
li fuqhom bnejt
il-koppli kumplessi ta' ħajti biċ-ċnagen
tal-kompromess
ibni
taranix ġgant għax ġgant m'inix
u jekk xi darba l-ass idur imiss lilek
għad tifhem li jien u int m'aħniex wieħed
ukoll jekk demmi demmek w għadmi għadmek . .
ukoll jekk noħolmok imdawwar bin-narċis tal-wied
nindiegħex nitfixkel ma' ġembek.
orqod fil-fond u oghdos fil-mewġ tajjar
tal-holm trankwill
orqod ibni orqod
u issa
se nitfi l-bozza biex ma nilmaħx
is-sentenza li jilmgħu għajnejk.

## versi 270

*(imnebbħin mill-mużika ta' georges moustaki)*

weħedna ma' din l-orkestra vjolini
dal-ġbid plektrum fuq kitarra
fruntiera ta' l-aħrax imkissra bla ruħ
inħoss tnixxi qatra llużorja boċċa kristall
ta' tama w ħelsien

tilħaqna mewġa wara mewġa spażmi dubbjużi
jnixxfulna grizmejna jgħerrulna ġembejna f'nofs dalma
titwerreċ għajn f'għajn
dir-rogħda ma' driegħi din l-għaxwa
ma' pxiexen saqajja skeletru spulpjat
dat-tambur kastanjol taħt l-arkati ta' sidri
jfisser xi ħaġa ħanini ———

jew dawl jew alla jew int jew jien
jew rivoluzzjoni jew fjuri tal-lewż
jew valium 2 jew tabernakli ta' paċi
jew neruni jew massakru jew sinfonija mħabba
jew ħajja jew nagħas etern jew ħerqa nofs kedda
jew biża' jew ġifa kkakmat ———

jekk niċċaqlaq fus iżaqżaq indur f'ħolma ta' chagall
ħuta-raġel akwarjana jew f'mogħdija ħalib iswed
f'lejl ta' ħemda novembrina fl-intestini spazju dlam
. . . . . .
weħedna
minn kull rokna minn kull sqaq din l-orkestra
ta' vjolini ġbid bil-plektrum fuq kitarra
tanalizza s-sagrosant b'mikroskopju
tal-ambigwu
tal-opak
iżda għidli ħanini: int qed tisma' bħali?
għax int ukoll qegħdha tirtogħod
u nifsek maqtugħ . . .

## il-libsa tiegħek bajda

. . . u dmugħ-il funtana jheddilni nqaxxar mandolina
xoffitha ġo tiegħi inħannen ġisimha żagħżugħ
l-għada mill-ġdid: il-griż xitwi ta' jannar
ikeffinni fosdqa nistenna mill-ġdid.

*u l-libsa tiegħek bajda*
kanċell iżaqżaq miftuħ fiċ-ċimiteru
u nilmħek fil-kesħa tal-mewt fuq żewġ
strippi msadda — xoffti tagħfas moħħok silġ
inħobbok — inħobbok

*u l-libsa tiegħek bajda*
tikber ma' tulek setgħetek u dehenek
(u deheni — għixt bla staqsejt
barrani tiegħi innifsi)
"fejn hemm il-biki u t-theżżiż tas-snien"
m'għandix libsa tat-tieġ:
jiemek magħduda
(ħriġt minnha w dfintha f'ġuf l-art)

*u l-libsa tiegħek bajda*
. . . snien ċavetta jqarmċu f'serratura
u l-bjuda tal-libsa marsusa fil-ħġieġ
ta' flixkun pilloli tan-nervi —
il-bjuda tal-ġenn quddiem l-imħallef
jaħseb ikissirx il-pinna.

## Bidla

ċagħakiet keshin silġ f'metamorfosi
trijanglu t'armonija tleħħ bl-impatt tal-verita'.
ċagħakiet flessibli jinbidlu fi sħaba tan-nar
imbagħad f'mument
isiru żewġ isdra ta' verġni
li biesha l-qamar fit-tul u raqad magħha.
biċ-ċagħakiet f'idi. . .
nitfagħhom waħda waħda fl-ilma u ma jegħrqux
il-bidla titwettaq sal-aħħar dettal
inbus iż-żiffa għaddejja melliesa
u nifhem.

## unfinished suite numru 869

taħt qamar żverġnat bla protesta
il-kuluri sħan tal-ewforja tagħna ddensu:
fuq ir-rassa samma ta' rwieħ
mitluqa jitniegħdu r-restrizzjoni
jaslu jkarwtu l-eki tal-impossibli.

u d-dell jinżel b'sabta xafra misnuna
fuq is-soqfa ntrikati
jkeffinna mumji f'katakombi bla nifs
(jien u int immutu mitt mewta).

ir-ramel li jiżżerżaq minn idi trab xott
ta' diżillużjoni
u l-verita' tal-mument tagħqad fuq rasna
ħamiema marida tferfer ġwinħajha misluħa
tokrob *l-ennui* tagħna ndommu ż-żibeġ tal-ħolm
li ħloqna fl-imkien.

il-belt tnin sfukata taħt ix-xemx li sawwtitna
taħt l-immensita' tal-muntanji bla ħajja
f'żaqq-il profondita' ta' 'lmijiet jittewbu
f'tarf in-nebħa tal-eternita'
titnittef ħajjitna . . .

medda skeletri b'nofs malja
l-imqadef ta' dagħajsa jokorbu fis-skiet
ir-ragħwa qarsa ta' birra tal-bott
u l-brix ta' diski jżarżru mheddla
. . . joħonqu x-xtajta tar-ramel u d-dmugħ.

il-qtar-imluħa tal-ilma baħar
maħlul sriebet imdemma' f'għajnejna
il-misteru tal-lejl jogħstorna mmaġni grotteska
u tul it-triq il-pali tal-bajtar

imxewwka
jtawwlu jdejhom f'minaċċ suspettuż.

pizzikanna — inżommu r-ritmu tal-agunija tagħna:
seba' kelmiet minn fuq il-forka —
f'nofs l-eżilju u s-saltna tar-ramel bil-għatx
fis-sema mqammar faqmi maħżuż
l-epilogu ta' l-aħħar lejla

ic-ċagħak tal-vulkan ifaqqa' maċ-ċaqlieq ta' saqajna
tisimgħu maħbuba?
idejna jħufu għall-ħatfa
bħal naffara taċ-ċawl mimlija bit-tiben imxarrab
inwieżnu ma' spallet xulxin
infittxu l-ħarba tat-tassew —
iżda . . .

. . .

fuq din l-entita' mħaffra s-subkonxju jkompli jsammar
l-imsiemer ippuntati tal-kondoljanzi
tibżax
intelaq f'dirgħajja
u ħalli l-ħadid tat-tensjoni jdub għal ftit
ukoll jekk għada tħossni mitluf jew 'il bogħod ukoll
jekk ir-reżħa li tagħlaqna f'koppla mtappna
tiffriżana ħutiet impotenti wkoll
jekk qniefed-il mewġ jingħu il-mhux-imwettaq
u rwieħna jfaqqgħu munċotti tal-għadam bħal
f'irkobbet sajjied biċċa silġ . . .
intelaq f'dirgħajja sa 'jisbaħ.

il-belt tistenna qabel torqod
in-nies tarana nduru f'ħolma bla kulur
iżda t-tempesta li tħabbat fuq iċ-ċappetti
tal-eżistenza tagħna ma jħossuhiex:
ħallihom jinfduna bil-ħars
is-sigriet tagħna nħalluh marsus ponn iebes
għalina biss.

## monokromiżmi

1. il-larinġa tarmi ż-żahar aprilljani
u n-nieqa mberfla tibqa' vojta.

2. case history sodda 16 sptar san luqa
tajjara mċappsa bid-demm — *rien ne va plus.*

3. qiegħda tagħfasli fuq l-iskrejjen tal-personalita' tiegħi —
aqta' dal-ktajjen inviżibbli w ħallini ngħix.

4. noħolmok maġenbi — nifsek maqtugħ u tisgħol —
kemm tlabtlek il-mewt jaħasra . . .

5. il-lożor ta' mħabba naplitana: bieshom il-qamar
bisithom in-nida tal-adulterju.

6. qabadni mill-komma jingħi għall-sold
iżda ħallejtu mitfugħ għall-qiegħa — imbagħad bkejt.

7. l-għeruq ta' qalbi telgħu jixirfu minn sidri 'l barra
għerqu l-għaraq tal-jasar u ħonqu fgati rjus l-allat
iżda qaluli li l-allat jerġgħu jfaqqsu
wkoll minn qabarhom.

8. il-lejla l-irbit se nħollu bil-vodka u l-lime.

## imsiemer

jgħib is-sħab u tilma' xemx imdardra
siġra għarwiena niexfa niexfa
sardinella tmejjel rasha
'l isfel
'l isfel

u jien
nilgħab b'petala marida
insammar l-imsiemer
twal twal ta' dmugħi
fuq l-għatu ta' tebut irħis
fuq l-għatu ta' tebut.

## pater noster

missierna li inti fis-smewwiet
insa' l-imsiemer li taqqbu jdejn ibnek u x-xewk li nifduh
w'erġa' ibagħtu fostna mill-ġdid
did-darba ttihx nazzjonalita' l-aktar minħabba l-kunflitt
għarbi-israelit tibagħtux
russu jew amerikan
l-anqas malti

m'hemmx bżonn tagħbija mirakli biex nemmnu
w l-anqas qawmien mill-imwiet
bizzejjed iwaħħal tabella mal-pavru jew m'għonqu divin
u nkunu lesti ninkurunawh bil-ġiżimin
u ndawwruh b'żibeġ kull lewn
tih is-setgħa li jitla' president jew
segretarju pop tal-ġnus magħquda
fehmu biex ivarja s-sess tad-dixxipli
minħabba li jistgħu jgħadduh b'omosesswali eċċetra
ħallih jipnotizza n-nies u jbellgħalhom
il-kapsuli tal-imħabba . . .

missierna li inti fis-smewwiet
did-darba mhux se jkun hemm pilati w erodijiet
jikkundannaw 'l ibnek għażiż u l-qassisin wisq aktar
moħħhom fil-problema taċ-ċelibat

nieħdu ħsiebu aħna did-darba jekk trid
lesti nkissru l-gotiku-barokk tal-knejjes tagħna
u nħalluh iħożżilna l-pjanti ta' mqades ġodda
lesti ninxteħtu ndoqqulu l-kitarri u s-sitar
u nħalluh isemmgħelna l-aħħar *long play* ċelestjali

kollox jilbes kuluri ġodda
kollox jiċċara fil-mirja tad-divin
riflessi ta' paċi jiżżerżqu mis-sema
l-iljuni jilagħbu mal-ħrief

did-darba ma jkunx hemm aktar forka għalih
u l-anqas stalletti għal ommu biex ma nimlewx
in-niċeċ bl-istatwi bla bżonn

inħalluh jippresiedi fuq qorti tal-poplu modern
u min imur kontra ibnek nibdluh fi fjura tfuħ

missierna li inti fis-smewwiet ikun kif trid int
hawn fl-art — ħallieh jerġa' jinżel 'l ibnek —
jekk ma tafdaniex orbtu
bi spaga twila twila u jekk tara li jerġgħu jqumu kontrih
iġbdu malajr 'il fuq jew ibgħat ċorma anġli jiġbduh jew
il-karru supersoniku t'elija profeta
imbagħad

lilna ħallina hawn isfel
agħfas il-buttuna tad-dlam jew ħoll il-ktajjen
taż-żwiemel lesti għall-ħarb jew keskes ir-ragħad
jew ixħet in-nar jew ibgħat dragun b'għaxar qrun
jew — hekk ikun

## jien mitt elf mewta

jien mitt elf mewta
mitt f'toroq dojoq riħa t'urina
w taħt saqajn l-ispekulaturi libsin it-tomna
darba mitt bi protesta
u rxuxtajt bis-saħħa ta' gurilli suwed
jgħajjtu f'orġja ma' nisa verġni
darb'oħra mitt imnikket u biex qomt
mill-imwiet tmantnejt bil-ħalib qares ta' żingara
li sqietni b'passjoni minn sidirha tax-xellug
jien mitt elf mewta mitt f'ħabtiet tat-traffiku
mitt taħt ix-xafra tal-giljottina
mitt bis-sagramenti u l-ilma mbierek fuq moħħi
u mitt nisħet u naħlef mibgħeda
mitt bit-tferfir tal-imħabba
u mitt taħt idejn il-kirurgi li ttamaw
jibdluli qalbi
l-aħħar li mitt qajmuni biex jitmawni l-wurdien.
imbagħad qaluli tista' terġa' tmut mill-ġdid —
sal-lum għadni ma smajtx minnhom
iżda smajt li qegħdin iħejjuli
bomba tal-ħin maċ-ċavetta tal-karozza.

## 24 xema' (f'ġieħ il-poeta f'għeluq snienu)

ixegħlu 24 xema'
ħallu ċ-ċrieki jiżfnu telgħin mill-ftejjel-nirien
jilgħabu f'dal-maqdes
ta' dubju w indeċiżjoni
titfuhomx ilkoll f'salt —

onfħulhom ftit ftit ħa nqasqas
id-dliel u ndur b'subgħajja jirtogħdu
magħhom waħda waħda

dawn huma x-xemgħat li bellawli oppju niexef
u saddewli ħalqi bil-biża' tal-mistoqsija
din ix-xema' fiha riħa ta' mikrofni
fuq il-pulptu jgħajjtu mitoloġija mistika
mingħajr konvinzjoni
din dewwbitli l-immaġni ta' min sawwarni
fuq sodda li llum ommi tifrex għaliha biss
din inħarqet tqattar il-mhux-mifhum ta' delitt
kontra wliedi
din bassritli żwiemel ikarkru mewt spiritwali
din saħħnet żaqq marti tqila tistenna
fuq l-imsiemer wild mill-ġdid
u din qiegħda tteptep alla-trianglu jmeslaħ sikkina
u jxammem fuq moħħi żibeġ tal-għaraq

itfuhom ftit ftit —

iżda din l-aħħar xema' ħalluha tteptep
jekk titfu lilha
ma jibqagħlix aktar dawl.

### numru 1100

il-fondi tal-kafe' selaħli msarni
ruħi tqagħlet b'leħen-qniepen tqal
jivvibraw *ave marija* sterjotipata
    fuq il-bejt minxura bil-labar tal-għuda
    maħruqa b'xemx vjola ġenitali niexfa
    mqarqċa mpotenti
tnin għajjiena x-xemx u filgħaxija
nerġa' ntiehem kafe' velenu
u nerġa' nibda ndomm kuruna xewqat fiergħa.

### paralelliżmi

il-jum li s-sema jqattar xedaq snin imħassra
mmur niġri s-suq tal-belt u nixtrilek ġiżirana ħolm.
jekk tqattar xita-molekuli kuluriti
nintelaq fl-artab ta' mewġ ħafif u nerda' sider ħuta-mara
il-jum li s-sħab jinħaleb gezzemani demm
inħaffer qabar biswit dak ta' missieri
u nfesfes f'widnejh kemm ħabbejtu — forsi jemmen.
sadattant se nibda ngħodd il-jiem . . .

### jekk għada jisbaħ

il-poeżija fiha riħa ta' mmuffar u ta' katusi —
għada terġa' titla' x-xemx fuq id-deżert
taħraqni mitluf f'xagħri aħmar nar
alla miet — iżda jekk għada jisbaħ
u hawn fil-bott imsaddad ta' ruħi nħossu
jinqaleb gabirjola fi ħmar-il lejl spiritwali
niddalja '0' għall-emerġenza.

### viżjoni 22 x

tala' jitkaxkar mat-turġien tad-dmugħ
jibki dinja ta' mħabba
is-sistema telgħet imqita warajh ...
u b'difrejha biċċiera feqgħetlu ilma għajnejh:
        naqqret imneħirha ssikkat in-nylons
        mas-suspender belt
        u niżlet ittektek it-taraġ tal-waħx.
fit-triq ingassat folja oħra
l-arloġġ daqq nofs il-lejl u s-sistema rikbet taxi.

## mirage x

minn bejn il-ħaxix niexef u l-ħurrieq
dijadema mxewwka jixirfu
sriep b'żaqqhom misluħa
bizzilla safra ta' filosofiji jtarrfu
l-ħrafa ta' għixien bla sinsla

jien
        il-battista bla ras fuq lajlo tal-lastku
        jew san pietru għarwien imġebbed rasu 'l isfel
        joħlom imqajjem iżżiġġx fuq ix-xmara
        jew naġġar għarqan xraba jbaqqan il-blat tal-enimmi

iżda
l-ilma li laqat mose' ma nsibux
w l-anqas ma jasal leħen alla
jdawwar top-twenty minn siġra
tħaġġeġ nirien

     b'dahri mal-ħajt bla nifhem bla nara
        nistaħba nitħaxken wara l-ħitan
        tal-passivita'
        din id-diska ta' għoġba
        fl-għerien-bejtiet ta' ruħi migrufa
        dan in-nifs ta' ripressjoni...
        jasal meġ mewġ eku ta' fond
        bla qies

il-lożor tal-materjali jintnu
bil-proċess tal-esperjenzi
subgħajja jitilgħu magħluba
(moħriet għarriex iqalleb ħamrija w tajn)
u fuq l-għotjien t'għajnejja tinżel iċċaqċaq
beżqa mill-glorji tas-sema
is-sriep jimbarmu mill-ġdid dijadema fuq rasi
u nerġa' nistenna jidden serduq ieħor
ikkastrat.

## baqqa

id-dehra ta' baqqa m'hix xi ħaġa
straordinarja
        iżda jum wieħed meta x-xemx kienet tqarqaċ
        'il bitmak tat-triq ta' faċċata
        u n-nies kienet imħeddla ċċaqċaq għadamha
        fuq l-imtieraħ
din il-baqqa partikulari dehret
fuq is-sedin tad-dunlopillo
        b'dijadema ta' swedija-liliputtjana
        u mnixxef ħares lejn il-baqqa
        u l-baqqa ħarset lejh minaċċuża
         taret minn fuq xi xiħ għakka jew iżżerżqet
        ħelu ħelu minn xi qoffa minfuħa bil-ħwejjeġ
        bla boċċi tal-kamla jew taret minn fuq dahar
        kelb imsewwef jew qattus ġinġri għama jew
        xi suttana ħadra ħadra ta' qassis li m'għadux
        joffri l-vittma divina jew
        jew
iżda l-baqqa kienet hemm tonfoħ bħal'kieku marida
bl-ażma jew bħall'kieku qalbha mtaqqba
        il-baqqa reġgħet ħarset lejh din id-darba
        bla saħħa u sata' jilmaħ għajnejha mżelġin
        bid-dmugħ li jibku l-baqq
        fl-4.15 preċiżi l-baqqa bbieset u kesħet silġ
     kinisha bil-pala farfar is-sedin u libes *overall* bajda
        lil martu ma qallha b'xejn iżda sallum
għadu joħlom bil-baqqa s-sewda tagħsar għajnejha
u tonfoħ għajjiena l-aħħar nifs.

## notturn

vjolin iħanxar se jmut
cooker tal-gass (jew qabar tal-komun)
"imma x'int tagħmel" — (niċċassa) — mel'ejja" . . .
int ma tistax tifhem — ma tistax
        ħlomt b'kadavru wieqaf imkeffen fil-gvieret tad-dota
        ċempilli 43119 w'għidli jekk sibtx
        il-mistrieħ ta' dejjem.

## "ħoss polz idi"

darba kien hemm adam u eva għarwenin u eva qalet lil adam
ara x'tuffieħa din *love* igdem biex issir alla
darba kien hemm omm verġni li m'afitx raġel u tqalet
darba kien hemm alla li qagħad gallerija w bagħat 'l ibnu
jissallab f'massakru divin — u darba

kien hemm jien nonfoħ ġot-trumbetti tal-ħażen u t-tjieba
ngħaqqad il-wieħed mal-ieħor
— nittift il-petali taċ-ċaħda

staqsejt:
    f'ġufi t-tqala tad-dnewwa? u l-ħlas id-dmija tal-mewt?
"ibni fittixni"
(d-dublett imtalla' w kuxtejha barra)
"ħoss polz idi"

darba kien hemm nannti w qaltli issa nieħdok bambin
għand santu nuzzu u s-superjur jagħtik santa sabiħa
(reddajtli bomblu gideb u llum id-dawl
li ħlomtok fih jinsab marsus ġot-tubi tan-neon
jew fjamma tteptep batija f'maqdes mudlam)

    "ibni fittixni"
    (tinsab f'malja bla fuq? fil-kamra tal-eku
    tal-*love affair?* fil-friex ta' qaħba marida?
    fl-istonku minfuħ ta' min bil-ġuħ?)
    "ibni fittixni"
    (għajn ta' mħabba u ġustizzja l-aħħar qatra
    ta' demmek tajtilna     -mnalla hemm il-bank tal-
    kavallieri taħt is-swar)
"fittixni fid-dlam tal-għerien"

aħfirli — mijopiku kif jien ma nitferfirx
sadattant se nerġa' ndoqq it-trumbetti
fit-toroq tal-babilonja —     ego sum pauper......

# Victor Fenech

*Twieled il-Ħamrun fl-1935. Studja l-Liceo, St. Michael's College of Education, l-Universita' Rjali ta' Malta u l-Istitut ta' l-Edukazzjoni ta' l-Universita' ta' Londra. Assistant Headteacher fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Membru tal-Moviment Qawmien Letterarju u editur ta' l-organu letterarju "il-polz". Il-poeżiji tiegħu bl-Ingliż dehru f'rivisti internazzjonali. Editur u ko-awtur ta' żewġ kotba ta' poeżija, "Kwartett" (1966) u "Antenni" (1968), ko-editur ta' "Two Point Five" (1967) u 'guest editor' ta' ġabra ta' poeżiji Maltin ta' żmienna maħruġa fil-"Poet' fl-Indja (1968). Bħalissa qed iħejji ġabra oħra għal "Poésie Vivante" li joħroġ f'Ġinevra.*

## DIES IRAE

Wara l-baħħ tal-vojt
il-mili ta' kollox.

Wara x-xejn ta' kulħadd
il-ħafna tal-ftit.

Wara l-ħakma għakkiesa
l-għajta maħnuqa.

Wara n-nixfa għatxana
il-gelgul tad-demm.

Ma' nżul ix-xemx —
ix-xejn ta' kulħadd,
u l-baħħ ta' kollox!

## DIES ILLA

mistoqsija u tweġiba
    minn kull tweġiba mistoqsija oħra
    logħba tal-ping pong
xi jkun is-sewwa?
    pilatu qal dsatax-il mitt sena ilu
    pilatu qal il-bieraħ igħid illum igħid għada
    aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu
    kif jistgħu jekk anqas biss jafu x'iridu?
    jistaqsu — jinfixlu — jitħabblu
    sa jgħibu skantati
    fil-ljieli żverġnati
    bl-ossiġnu mifqugħ
id-dud jilgħab ta' muntanjier
    'mma l-istaġun qasir
    u kull għolja ssir ħofra dalwaqt
    *boqq boqq...boqq boqq...*
    (aktar tard)
    il-ħemda tal-mistrieħ
    il-mistrieħ tal-ħemda

## 'BEAT'

Awl-il-lejl l-ewwel tas-sena d-diskoteka
tal-***. *Ob-la-di Ob-la-da.* Il-ħoss
tal-Beatles isaltan fuq il-ħamba
u tisker il-ġenerazzjoni 'beat'
fis-saltna ta' l-aljenazzjoni
minn dinja mostru mekkanizzat.

ghall-uġigħ u l-insomnja
— pilloli riġment,
għall-ksieħ xitwi jxoqq l-għadam
— spirti bħal gelgul,
għad-dwejjaq vojt tal-ħajja
— 'ħaxixa' u 'beat'
tgħoddhom flimkien jekwaw
— ALJENAZZJONI.

Mela, kulħadd iċapċap. *Ob-la-di Ob-la-da.*
Ferneżija ta' qbiż, ċaqlieq, dawrien,
geġwiġija ta' rjus, saqajn, idejn,
duħħan u dlam, dlam u duħħan,
u dwal fosforexxenti (ħodor ħomor vjola blu)
ilsna tilgħin jinbarmu bejta sriep ta' l-orjent.

'beat' — rvell
'beat' — kultura
'beat' — aljenazzjoni

Dħul lura fil-ġuf,
jew kankru tal-moħħ?

## LILEK

Inħobbok għalli int.
Nobgħodok għalli għamilt
minni: għasfur f'gaġġa
ngħin għall-beraħ.
Iva, agħtini l-imħabba —
agħtini ukoll il-liberta'.

## L-GĦEFIERED TAL-WIED

Ma, għad li mejta, lilek biss għandi,
miegħek biss nista' nitkellem.
Ma, fissirli dil-ħolma.
Ħlomt:
            kont għaddej waħdi
għajnejja merfugħin lejn l-għoljiet
iljuni iħammru fil-bogħod.
Mill-wied feġġu għefiered
li żammewni minn riġlejja;
u waqqgħuni u redgħuni,
u meta qomt, reġgħu waqqgħuni
u reġgħu redgħuni — għal seba darbiet.
Meta fl-aħħar għebu,
ħallewni għaxi grottlu fl-art.
Domt ħafna hekk.
Meta stejqert, ilmaħt
naffara sewdiena bil-minġel leqqien.
Ħarset lejja u daħkitli daħka flieli flieli:
"Jgħidu li jiena kiefra, imma aħjar jiena minnhom!"
Staqsejtha: "Dawk ......... min kienu?"
Bi tweġiba, daħka oħra flieli flieli,
imbagħad: "Dawk ġensek!"
Ma, x'riedet tfisser in-naffara sewdiena bil-minġel leqqien?

## ĦOLMA

S—a—t—a—n—a,
rajtek għaddej għarqan xraba qalb frieghi
imdendla ta' ġonna spazjali
tixxabbat mal-qamar u tqalleb l-irwiefen
u x-xemx f'idejk flok torċa tixgħellek it-triq.
Rajtek tisħet u ssabbat u tonfoħ u tidgħi
għajnejk ħomor vessuvju snien ħorod imxellfin.
Rajtek tgħajjat lil Alla u leħnek jixxejjen
tistenna tweġiba u jasal biss l-eku.

Maħfra? Sfida?
Xtaqt naf x'ridt, 'mma jien biss bniedem —
l-ispirti ma nifhimhomx!

Naf biss li rajtek tqalleb spazju sħiħ
bi grad ta' ġenn jixhed id-disprament;
imbagħad bżaqt dagħwa ħoxna li regħdet is-smewwiet
u rġajt mnejn ġejt.

S—a—t—a—n—a,
wara das-snin kollha għadek ma tgħallimtx?
Tridha ta' Alla u tagħmel bħall-bniedem!

## U RMEWHA TAĦT IS-SUR

Qatgħuli, ħanini, biċċa minn ġerżumti
u rmewha taħt is-sur;
li rmewha f'raba' saqwi ma jimporta xejn,
għax setgħet nibtet ġiżimina
u nitħallas bid-djamant ta' tbissimtek.
Imma fl-għera tal-fondoq tal-wied
il-biċċa għoddha nitnet......

Hawn, waħdi, fil-waħx ta' kamarti,
id-demm ħiereġ lava mill-bokka tal-ġerħa.
Ftit ieħor u jien hawn / ftit ieħor
u m'inhix. Għandi ħajra nsejjaħlek
u nitolbok biċċti lura, 'mma nibża
jekk jaqbduna lilek itarrfu wkoll.
Għalhekk, stabar, u minnhom la tibżax.
Meta demmi jasal ħdejhom
jikwilhom qigħan riġlejhom;
imbagħad, inti tkun ħielsa —
titpaxxa bil-ġiżimin.

## TESTMENT

Meta n-nifs jibda jagħfas fuq l-aħħar pulmun,
u bajtra tinfaqa' setgħet Mammona,
u tinxef l-għaġla miġnuna tal-ħajja
f'għajnejja mdardrin —
        la tibkinix, għażiża tiegħi,
        għalija twarradx dmugħ,
        għax jiena vjaġġatur!
Tiftakar dak il-lejl fl-ajruport
meta bistni u tbissimtli imnikkta
għax quddiemi sena studju f'art imbiegħda?
        Erġ' hekk, għażiża tiegħi,
        tbissimli u busni — biss,
        did-darba tistenninix,
        did-darba l-vjaġġ twil......

Le, le, la tibkinix, għażiża tiegħi,
għax l-għada jarġa' jżernaq,
u wara l-ħlas tad-difna t-taxxa,
u wara l-kenn tan-niket il-madmad ta' l-għajxien.
        Għalhekk, dmugħ xejn, għażiża tiegħi,
        ħadd wara ħadd ma jieqaf:
        dik hi l-liġi t'Alla,
        ix-xejra tan-natura —
        u x-xewqa tiegħi.

## STQARRIJA

Iva, inħobbok,
għad li ma nafx infhemek kif —
għalhekk tistaqsinix.
Għalxejn inqajjem mill-imwied
xmux-qmura-kwiekeb ħa nkejjel seħer ġmielek:
xejret imħabbti taħrab kull xebh
mirfus miż-żarbun taż-żmien.

Għalhekk la tistaqsix għaliex u kif,
oqgħod fuq din il-kelma 'nħobbok'.
Ukoll f'waqtiet oskuri meta miegħi
ma rridekx; ukoll meta ma' oħra f'art
imbegħda narda' l-għasel ta' ftit jiem.
Iva, inħobbok — mhux tiegħi l-imħabba
bil-fwieħa tal-balzmu u r-roża tal-ward,
mhux tiegħi it-triq wietja, dubji xejn,
'mma l-mogħdija kollha ħofor u tħarbit.

Fit-toroq ta' ħajti,
tuni l-għatx u tuni x-xewk — basta
kultant nieqaf inserraħ......
u fejn nieqaf ikun hemm int.

## 'MAKE LOVE NOT WAR'

Is-Sajf il-Hadd wara l-ikel.
L-Għadira miżbla bil-fdal tal-ħobż,
Bjafra mhemmx loqma waħda;
Bjafra qed imutu bil-ġuħ,
L-Għadira qed imutu biż-żina:
ġuvintur ġisimhom bronż, ħbub għajnejhom kobri,
kull tfajla mdendlin m'għonqha żewġ tabelli,
waħda "la tiżnix", l-oħra turi xkaffa —
ir-Reliġjon u s-Soċjeta'.
U fejn hu l-bniedem,
fejn int int,
u fejn jien jien?
Vjetnam, Bjafra, Lvant Nofsani,
Luther King u l-Kennedys,
minn Stanleyville għal Pinkville,
Humanae Vitae, strajkijiet,
taxxi, nepotiżmu — ej' naħarbu
minn din-nassa u nfittxu l-ħelsien
ġo l-għerien minn tax-xagħri — tridx
inwaħħlu ġwenħajn tat-tajjar
u nintelqu fil-wied tal-p(upi)illoli
fejn il-lejl m'għandux tbexbix?
Jew aħjar —
ej' ninħabbu taħt il-palma tal-bajtar.

## BALLATA '69

Menqiet demm minn ġrieħi ħorox — irrid
nara l-għajjun — iftħuli ħa narahom —
iftħuli ħa naraha......
żewġ żgħażagħ fjuri mqaċċta jqattru d-demm!

*50 mil fis-siegħa*
*dirgħajha dwar qaddu*
*rasha fuq spalltu*

Wiċċha grottesk fejn kien afrodisjajk:
Medusa minn Medea f'burraxka ta' mument.
Li t-triq għarfitha aħjar ...... imm'issa x'jiswa?
Il-ħajja piramida ta' ipotesi,
xejn ċert ħlief il-mewt.

*60 mil fis-siegħa*
*xuxitha f'għajnejh*
*il-mewt f'imnifsejh*

Kont nafha — sabiħa, ħajjitha il-frugħa.
Bosta dawk li daqu l-benna ta' ġisimha
fuq soddt in-natura fi ljieli ħawħin;
aħħari dan il-kobba
ħdejn mutur maqsum taħt ħajt.

*80 mil fis-siegħa*
*bil-mewt f'imnifsejh*
*l-irmied ponn f'għajnejh*

Nafu ukoll; żmien qabel kien qal lil ħabibi:
"Inħobbha, iva nħobbha,
naqsmilha moħħha
nwaħħlilha xemgħa
u naduraha".
Iħobbha — u issa bħala rahan
tar-rabta tagħhom ma' xulxin,
demmhom flok ċrieket......

Mir-Rabat sal-Belt,
mhemmx siġra waħda tingħi!

## RITRATT I

Is-Sajf is-Sibt fil-għodu l-Cafe' Premier
taħt umbrella taċ-Cinzano.

Mhux is-sema ikħal nir u rrakkmat tajjar,
mhux Vittorja xwejħa ġwejda ħarsitha l-paċi,
mhux tal-banda militari l-eku jnin,
mhux il-valzi fuq il-ġwienaħ tal-ħamiem —
l-isbaħ deħra ta' dalgħodu, ir-riġlejn
somor u twal ta' turista skandinava.

Kwarta tikteb kartolina;
meta ntebħet b'ħarst l-irġiel
damet siegħa ssoff Solera.

## RITRATT II

Waħdi — le, mhux waħdi —
aħna t-tnejn — jien u l-baħar:
is-skiet tal-baħar priżma tas-serħan,
is-skiet tal-baħar iwellidni ġdid.

Qasbtejn 'il bogħod,
ninfi u najadi, fawn u satiri,
jiżżabru fuq ramel bla fidi
taħt xemx ta' l-azzar.

Tixxennaq,
f'tarf il-bajja,
tfajla solitarja li n-natura bniet addoċċ.

## DIN L-ART ĦELWA, DIN L-ART LI ALLA TANA

*Int sabiħa, O Malta tagħna,*
*Mhux għax Malti nfaħħrek jien,*
*Isemmuk l-Ingliżi kollha*
*Li qed jixtru kullimkien.*

(b'apoloġija lil G.A. Vassallo)

Ġurnali miżgħuda b'ittri anonimi,
Protesti u lmenti f'kolonni bla għadd;
Il-għala bla isem, bħal iġsma bla rjus?
Il-għala le tgħoddhom, bħar-ramel tax-xtut?

Kun af li Malta żgħira u l-għajn li tixrob
minnha iddardarha ma jaqbilx — "Kulħadd
għandu d-dritt għal-liberta' li jżomm
l-opinjoni tiegħu u li jfissirha . . ."
F'demokrazija m'għandniex proċess taċ-ċorma u m'għandniex
Siberja — "Dik hekk imsejħa Demokrazija mhix ħlief Kapitaliżmu."

liema waħda, wiċċ jo rġejjen?
nofs-in-nhar jew tramuntana?
lejn il-lvant jew il-punent?
ċama ċama . . . rġejjen ġie . . .
Viva d-Demokrazija:
3 ijiem kull 5 snin!

Fl-Amerika fadlilhom Kennedy ieħor x'jiskuntaw. U Mao,
il-Yangste tgħid jgħumha dis-sena? (jekk iva, 'rfawli ktieb).
Wara l-Indipendenza nibnu Malta aħjar — "giddibin,
giddibin, tradituri, giddibin" (minn Voznesensky
ma nagħmlux Pasternak ieħor?) — ħallik
mill-iġganti, u agħti widen lit-tliet leprekoni tagħna.

Fil-mitjar Ħal-Luqa:
diehel it-Trident bis-settlers Ingliżi
(aġenti tal-bini b'kuntratti f'idejhom),
ħiereġ il-Qantas b'Maltin emigranti
(qraba mbikkija bl-imkatar m'għajnejhom).

L-ewwel laqgħa, l-aħħar tislima, addio u hello.
Mr. Livingstone, I presume? Iktbilna malli tasal. Sellulì għaz-zija Ċetta. U għan-nannu Sidor. I left the Board in session. The property boom's bound to spiral further. Ibni Ġorġ, kif se tħallini! Kif se taqsamli qalbi! Tgħidx hekk, ma. Ma, tgħidx hekk. We'll have to buy them off, then. I assure you, Government here is most cooperative. Oqgħod kwieta Pawl, dak għad jiġi lura sinjur. X'joqgħod jagħmel haw' bla xogħol? We're bringing a lot of money into the country. Hu jiġi imma lili ma jsibnix. Ara, Lel, ħuduha 'l hemm, morru xarrbulha wiċċha....

Sun and limestone everywhere,
djar, vilel kullimkien,
(imm' għall-għarajjes fejn?)
want a place in the sun?
show us your money ...
you can have one!
Għax lilha, Mulej,
bl-ogħla dawl libbist ...
Malta fil-Lsien u l-Qalb
Malta Maltija!

## EPIGRAMM 4

Ġurnal kapitalist is-sena kollha
jgħin u jkattar il-bejgħ t'artna 'l barranin;
kull ħames sena bl-elezzjoni magħna
dwar il-vot erħilu jwissi lill-Maltin.

## EPIGRAMM 5

U Kutznetsov ħarbilhom, u tkażaw
ta' Malta ħielsa l-pampaluni
bil-waħx tal-KGB — u s-CID
fil-Manoel? Tgħid x'kienet ir-raġuni?

(Epigramm 1 deher fi "Kwartett",
epigrammi 2—3 dehru f'"Antenni")

## DISKORS TAL-MEXXEJ TA' MALTOPJA FIL-ĦAMSIN ANNIVERSARJU TA' L-GĦOTI TA' L-INDIPENDENZA HIP HIP HOORAY!

*Għeżież ħuti maltopjani ....*
(kliem fieragħ, inċens)
*Qatt hekk tajba ma messitkom!*
(statistiċi, ġbid)

..... *imbagħad* (għax kull wiċċ għandu
r-rġejjen u kull żewġ il-fart)
*jekk bosta affarijiet ma seħħux skond il-wegħdiet,*
*jekk sikwit lgħabtha tat-trux għal lmenti ma jingħaddux*
*jekk ta' ġewwa maxtru sewwa*
*u ta' barra għall-istalla ...*
*jekk dan u aktar ġara, jekk kliemi għaddejtuh,*
*m'għemili kejjiltuh, u sibtu l-jiem magħduda,*
*din biss difiża tiegħi,*
*din biss ngħid lill-miġemgħa:*
*Agħdruni,*
*mhux jien naħti —*
*taħti s-Sistema!*
: : :
Mulej, miskin il-bniedem —
għaliex ħlaqtu hekk żgħir?
Fil-kurituri ta' l-iżmna,
kemm se ndumu fl-għar sewdieni?
Ma noħorġu *qatt* fid-Dawl?

## KOMUNIKAZZJONI

Habib, meta jkollna ċans,
nieqfu nifhmu 'l xulxin.
Dis-sena?
Id-dieħla?
Xi darba?
Qatt?
Min jaf! Biss, meta jkollna ċans,
nieqfu nifhmu 'l xulxin.

## ILLUM L-ISTABBILIMENT

Illum l-Istabbiliment żelaq f'qoxra ta' banana u faqa' rasu mat-tarf tal-bankina.
Aħmar dragun ferfer id-demm taħt xemx iljunfant sa nfirex fuq il-ħmieġ impastat tal-ħamiem.
Il-lpup ta' l-għoqda ġewwenija kissru snienhom quddimin, u nnewwieħa skjaraw ruħhom Triq Irjali dudu iswed tal-ħarir.
Wieqfa xirfet il-parilja minn taħt ix-Xatba Rjali, ġiraffa l-korteo, pompuża id-difna fid-dell taċ-ċipress.

U l-għada ħadniha aħna il-qanpiena ta' l-Istat, aħna fit-tul ħalliema ta' qawmien intellettwali.
U 'l Mulej iżżejna ħajr (Te Deum Laudamus) u li naqdu l-poplu ħlifna, li xejn ħlief naqdu l-poplu.
U xhieda ta' dir-rieda l-ewwel bandu ħriġna:

*min għandu ħafna aħmar*
*irid jagħti ftit mill-ħmura*
*biex hekk inwieżnu l-isfar*
*biex hekk intaffu s-sfura*

U l-pitgħada waslet ittra li bdiet hekk: "Għeżież sinjuri ta' l-Istabbiliment il-Ġdid ...."
Fl-Assemblea waqgħet ħemda u kull wiċċ sfar; imbagħad ħamba li twaħħax, kull ras dagħdigħa demm u ssemmew il-*kara-kiri,*
Semm Sokrate, xablet Brutu, lifgħet Kleo — kull waħda twaqqa' l-oħra u deċiżjoni xejn ....
(Mhux li kien l-Istabbiliment il-Qadim dik il-karfa ta' banana raha u qabiżha flok rifisha!)

Għad kemm daqqu l-ħdax u d-diwi ta' l-arloġġ xfafar jaqtgħu l-lejl.
Ma' l-aħħar tokk tat-tnax jaslu ż-żwiemel suwed — aħ, lente lente currite, noctis equi!
U aħna mummji madwar mejda lkoll ħosbiena kif ninħallu minn dil-bixra.

Imma l-moħħ kif jista' jaħseb jekk il-vini keshin siliġ?

## TFITTXIJA

Għażiża, illejla tistenninix.
Illejla nixtieqni waħdi:
irrid innażża' lili nnifsi
minn kull dragun-alla li rifisli
l-ħelsien u għaffiġli il-jien.
Irrib insib mill-ġdid il-jien . . . .
il-jien jien,
mhux il-jien illi għaġnuni.

Għalhekk, għażiża, ħallini nimraħ
qalb għenieqed ta' iviet u lejiet
li ħonqitni bihom soċjeta' burokratika
f'isem il-Qdusija u d-Demokrazija.
Ma' l-injurant ma ngħoddx u ma ngħoddx ma' l-għaref,
mas-sinjur ma ngħoddx u ma ngħoddx mal-fqir,
mal-ħażin ma ngħoddx u ma ngħoddx mat-tajjeb,
mal-ħomor ma ngħoddx u ma ngħoddx mal-koħol,
la jien ma' dawn u la ma' dawk.
Min jien? U ma' min ngħodd?
X'jien nagħmel fil-griż oskur tas-solitudni?
Għaliex l-iżolament fost il-miġemgħa?
Il-għala din l-istmerra għall-konforma tas-Sistema?

Nibqa' gżira ma nistax —
biex ngħix hemm bżonn ta' istmu:
ma' dawn/ma' dawk . . . hawnhekk/hemmhekk . . .
'mma kif nista' jekk narahom frosta t-tnejn?
*Llama sabachtani?*
Min abbandunani?
Jien abbandunajtU?
Abbandunajthom jiena?

U hekk nibqa' nhewden u nfittex il-jien.
Il-jien jien.
Mhux il-jien illi għaġnuni.

## LONDRA, INHOBBOK!

Londra, inħobbok!
Għaddej minn triqatek kollox ikellimni.
Tenur il-ksieħ, supran is-silġ,
u ċ-ċpar farfett il-lejl għandu għanjietu wkoll.

Londra, inħobbok!
Għaddej minn triqatek inħosslok il-polz
itektek ma' ħbit qalbi.
Londra — namrata u qawsalla,
belt polari (bħali) — inħobbok!
Kull sajf ieħor nitla' nserraħ f'ġufek kosmopolitan
minn dal-ġiri ta' ġrieden hekk imsejjaħ 'ħajja'.
Londra, belt iebsa, belt qadima,
għannaqni u mlini bil-kobor ta' qawwitek,
ilqagħni u aqsam miegħi l-estasija tal-ħelsien.
Londra, namrata u qawsalla,
inħobbok!

## FUQ GHOLJIET DINGLI

Mitoloġiku l-għabex fuq l-għoljiet Dingli.
Mifrud mit-tħewdin u t-twerdin tas-Seklu
Għoxrin, nisthajlu ħrafa minn Elf Lejl u Wieħed:
il-qamar ximitarra bla maqbad,
kampnar imqareb jixxabbat fuq għolja,
qanpiena lubiena tinbex is-skiet ...
Max-xefaq blati mitħna wara mitħna tar-riħ,
'il bogħod, f'mogħdija sserrep bejn ħitan tas-sejjieħ,
ħmar, bidwi, karettun —
fdal ta' Malta antika. ...
*"The industrial deadlock continued today . . ."*
Nitfi r-radju, kull ħoss jgħib,
u ninża' minn fuqi is-seklu tar-rgħib.

## KANTALIENA

Li int kont trilja ridt inkun sajjied,
Li int kont tajra ridt inkun nassab,
Li int sirena ridt inkun ċentawru,
Li int Eskalibur ridt inkun Arturu.

Li int kont saqaf ridt inkun ix-xriek,
Li int rummiena ridt inkun sajjetta,
Li int ċumbina ridt inkun it-trajbu,
Li int il-qamar jien Apollo XI.

La int tad-demm u l-laħam,
Jien kuntent kif jien —
Dment li mħabbti u mħabbtek
Norbtuhom flimkien.

## LAAM

orqod ħanini orqod
u waqt li inti rieqda
niktiblek poeżija
kif tqum għada filgħodu
tkunlek fuq l-imħadda;
kif tqum għada filgħodu
jiena nkun 'il bogħod
orqod ħanini orqod
u issa li int rieqda
nikteb il-poeżija
għandek fi vrusha ssib
mhux ġmamar u nirien:
il-ħlewwa ta' mħabbitna
mistrieħ saħħa u sliem
orqod ħanini orqod
u issa l'għadek rieqda
u lesta l-poeżija
noħroġ inkiss inkiss —
bħal tas-Sinfonija!

## X'INHOBB X'MA NHOBBX

Inħobb il-Ħajja li kuljum taħrabli;
Ma nħobbx id-Dubju u kuljum ngħum fih.
Inħobb il-Flus għaliex inħobb ingħix,
U l-flus għad li mhux l-għajn huma l-muftieħ.

Inħobb il-Verita' u nibqa' infittixha,
Għax għad illi għalxejn hemm l-għixien fit-Tfittxija.
Il-Biża' nobgħod, nobgħod ċehda l-armi,
Għaliex fil-biża' u fiċ-ċehda hemm mitt mewt.

Inħobb il-bidwi illi għoddu għab; nobgħod
Lil-ispekulatur ballottra tal-kampanja.
Inħobb lil din l-art ħelwa, verġnet missierijietna,
Nobgħod lil din l-art qaħba, paljazza tal-barran.

Inħobb il-Ħelsien wiesgħa, ma nħobbx ir-Rabta dejqa,
Inħobb Sinċerita', nobgħod l-Ipokrisija,
Bejn il-bnedmin l-Imħabba, mhux Għira u Korruzzjoni:
Qtar nida mad-diluvju — u ħtieġ l-Anestesija.

Inħobb it-tfajliet sbieħ u friski bħaċ-ċirasa,
Jogħkorni min il-ħażen jarah biss fis-Sess.
Inħobb il-Ġustizzja u jimbuttani l-Qorti
Fejn tfittex ġustizzja u jqannuk bil-Liġi.

Inħobb lil Kristu nħobb it-tagħlim tiegħu
Minkejja l-blata għajjiena Kristjaneżmu.
U fl-aħħarnett inħobb lil minn iħobbni,
Naħfer lil minn jogħbodni, u nagħder lili nnifsi.

## SNAPSHOT

Illum stembaħt f'roqgħa ħin mhux soltu
u sibt dinja li qatt ma kont nafha.
Għadni s'issa ma nafx jekk kienx il-lejl
jew kienx il-jum — imm'għadni
s'issa mfawwar bil-melodija
u bil-kulur tar-roqgħa ħin mhux soltu.

# ĦSIBIJIET FUQ STIL ĦAJKU

(Numri 1—2 dehru f'"Antenni")

3. Għalik għanjieti;
jekk ma tilqagħhiex, għalxejn
nissokta ngħanni.

4. Inti l-primula,
nektar xufftejk qrollija,
jiena n-naħla.

5. Alpi, Pirinej ...
fost kemm rajt għoljiet, tiegħek
l-isbaħ, maħbuba.

6. Xenqati tielgħa
mal-kolonnar ta' riġlejk
għat-tabernaklu.

7. Xmaret imħabbti
tfawwar sa tinfirex fik,
o delta tiegħi.

8. Daqs il-qawsalla,
il-glorja taż-żgħożija.
U daqsha ddum.

9. Mietet il-warda;
u dbielet il-ħajja għal
min ħabb il-warda.

10. Ħobb ir-Rebbiegħa —
biss ftakar staġun wieħed
sena ma jagħmilx.

11. Mulej, aħfirli,
ħonquni ż-żewġ affat:
is-sess u l-flus.

12. Mulej, agħdirni,
kelli naħarbek — tgħid għad
nerġgħu niltaqgħu?

13. Frisk is-sħab abjad:
fil-ftuħ t'għodwa maltija,
muntanji tas-silġ!

14. Mulej, ma nifhmekx;
nara x-xefaq iħammar,
u nħossni mieghek.

15. Mulej, ma nħobbokx,
inqimek ta' Assolut —
hekk mhux biżżejjed?

16. Siegħa sajfija;
waħdi nħewden fuq il-blat
ix-xejn ta' ħajti.

17. Mulej, ħarisni;
id-dgħajsa tiegħi ċkejkna,
ibħratek wesgħin.

18. Mhux fid-duttrina;
fil-melħ ta' ċmugħ il-kotra,
insib lil Alla.

19. Felukka pagun
f'baħar kristall; urugan —
fejn hi l-felukka?

20. Fejn marru, o fejn,
id-dgħajjes tal-latini?
Outboards biss baqa'.

21. Mhux max-xtut xeltrin,
jingħaraf il-bdot tajjeb:
fl-oċejan fieragħ.

22. Burokrazija:
agunija mistmerra
daqs l-emikranja.

23. L-Istabbiliment:
rasu ippopotamu,
idejh qarnita.

24. Il-ħaqq għad jasal:
fil-ħamsa u għoxrin siegħa,
fit-tlettax-il xahar.

25. Poplu bla sinsla!
Hajtu fil-garr jgħaddiha,
bħal f'barumbara.

26. Xitwa bla xita;
tingħi maħnuqa r-raba',
jingħu il-bdiewa.

27. Xitwa bla xita;
kollox gerrief is-sema,
x'jinkeddu l-bdiewa!

28. Inħobbhom, iva,
it-toroq twal u dritti;
iżda biex insuq.

29. Suldati mġarrfa:
siġar mix-xemx maħruqa —
bħar-rieda tiegħi.

30. Igħid il-ħabsi:
'Għamilieli l-avukat!'
X'igħid il-mejjet?

31. L-għajnejn imxajtna
fis-Self Portrait ta' Van Gogh —
widintu kienet?

32. Ewropa mtappna
f'kurituri mirja sliġ:
Malta kobba nar.

33. Fis-sajf ta' Malta
tinħaraq in-Natura;
tfiġġ il-bikini.

34. Bkiet il-bufula;
bil-biża' li tfixkilha,
siktet ix-xita.

35. Siġar taċ-ċipress:
pagodi ħadranin fuq
oqbra maħlubin.

36. Lapis ittemprat,
karta kaħla s-sema:
kampnar ta' knisja.

37. Qamar pitirross,
sema minjiera faħam,
kwiekeb barbazzal.

## *Oliver Friggieri*

*Twieled il-Furjana fl-1947. Studja fis-Seminarju Minuri u Maġġuri u fl-Universita' fejn fl-1968 ġie l-ewwel fil-kors tal-B.A. Awtur ta' poeżiji, essays ta' xejra soċjali u filosofika, u studji kritiċi letterarji dwar kittieba maltin, uħud minnhom imxandrin fl-antoloġiji, fuq ir-Rediffusion u l-M.T.V. Ko-awtur tal-ktieb ta' poeżiji "Dħaħen fl-Imħuħ" (1967) u awtur ta' traduzzjonijiet mil-Latin u l-Ingliż li ħarġu f'pamphlets, kif ukoll ta' għadd ta' innijiet liturġiċi. L-editur kulturali ta' "Il-Qawmien", korrispondent regulari f'ġurnali oħrajn, u l-kittieb u l-preżentatur tal-programm "Beat u Letteratura" fuq ir-Rediffusion. Igħallem il-Malti u l-Filosofija fi skola sekondarja. Assistent Segretarju tal-Moviment Qawmien Letterarju. Bħalissa qiegħed jaħdem fuq żewġ kotba ta' kritika.*

## VERSI

U llum li għadni bniedem mingħajr ħajja
kif kont fl-imgħoddi, jekk inħares lura
nara d-dell tiegħi kif pinġieh ħaddieħor
għalija.

Mela ifhimni. Il-Bieraħ tiegħi
hu kwadru mżelleġ bħall-arti moderna
t'artist li m'huwiex jiena.

Qaluli nemmen fija nnifsi w naħseb
li jiena ridt li sar u xejn ma ġara
mingħajr il-volonta'.

U kif emmint tfajt ħarsti 'l fuq quddiemi
biex ninsa l-mostru iswed t'għoxrin sena
jitkaxkar wara dahri.

Iżda f'għajnejja bdejt inħoss jaħraqni
in-nar tax-xemx u d-dlam jikber madwari.

## L-GĦAJTA TAL-MIBEGĦDA

Ħabib, min jgħid li f'qalbu għandu taħraq
l-imħabba għalik, temmnux. L-imħabba ssibha
fil-qabar moħbi meta l-wegħda fiergħa
tintesa w ma tinżilx fid-dinja tiegħek.

Ħabib, min jħeddek li għalik minn qalbu
trid toħroġ il-mibegħda, emmnu. Ħajtek
ma tmutx qabel ma b'siequ jikteb ismek
bid-demm ta' sidrek sħun fit-trab. Għax kliemu
ma jidħaq b'ħadd.
L-ilsien u l-qalb iduru
f'dinjiet imbiegħda. Emmen jew itgħallem!

## MILIED TIEGĦI

Qaluli li twelidt elfejn sena ilu
Mulej, imħabba fija.

Possibbli mħabba fija?

Qaluli li ġibt miegħek l-idejali
tal-liberta' u ta' l-imħabba umana.

U jien fittixthom l-idejali tiegħek
fil-volonta' u l-intellett li tajtni.
Iżda madwari qamu l-ħlejjaq bħali
u qalu li twelidt imħabba fihom.
Tassew, Mulej?

Jien bdejt nixtieq u rrid. Ħassejtni nikber
u emmint kulma qaluli.

Iżda issa
li l-kobor tiegħi waqa' bejn is-swaba'
ta' bniedem ieħor li jixtieq u jifhem
aktar mill-volonta' u l-moħħ li tajtni,
kif nista' nibqa' nemmen fl-idejali
tal-liberta' u ta' l-imħabba umana?

Xi ngħid? Għamejt jew waqgħu l-idejali?
Ma nafx. Ma naħti xejn. Jien issa ħaġa
titkaxkar kemm jixtieq u jrid iż-żmien.
Ħajti nistenna.

...... Qed jgħidu li l-Milied jum il-ħelsien.
Tassew, Mulej?

## IL-MEWT INDIFFERENTI

Għaliex, maħbuba, qiegħda taħseb fija?

Jien qatt ma kont fil-moħħ uman li riedni
inkun kif irrid jien. Inti tifhimni
għaliex ma tafx li l-eżistenza tiegħi
qiegħda tinħela b'mod artifiċjali
bħall-bozza ta' l-elettriku li titlef
ma' kull minuta d-dawl safrani.

Inti
għada tintebaħ li jien ili nieżel
kuljum f'qabar il-mewt indifferenti.

Naħseb aħjar li tibda tmut minn kmieni
ma' kull ċaqlieqa goffa li tiċċaqlaq
il-minutiera ħoxna
ta' l-arloġġ kbir li jdoqq fit-taraġ tagħna,
milli tegħreq fix-xejn bil-mewt ta' darba.

Aħjar, aħjar ma tibqax taħseb fija.
Iżd'ibqa' ħdejja biex f'dil-mewt kontinwa
tgħallimni x'inhi l-ħajja għal min jgħixha.

Imbagħad għid lil kulħadd li għext għalija.

## KONVERŻJONI TA' MUMENT

Habib emminni. Il-bieraħ ġewwa s-sikta
ta' l-aħħar siegħa qbadt fuq ħajt imgħobbi
b'fantażmi ta' l-imgħoddi d-dell tal-bniedem
li ridt naħarbu u baqa' jiġri wrajja
dsatax-il Marzu.

Int bħali. Ħrabt u għadu
jitkaxkar taħt spallejk jitbandlu. Il-Kruha
fuq ġbini l-bieraħ qratli r-rebħa tagħha
sa l-aħħar nifs imxarrab.

Ħsieb. Triq oħra.
Neqirdu l-antikrist li ried jgħollina
fuq it-tiġrib qadim tal-kobor. Ninżlu
mir-ramel għoli. Fina nsibu l-bniedem
mingħajr id-dell li ma seħetx il-bqija
matul tlieta w tletin Diċembru kiesaħ.

## FIRDA

Bħal vleġġa li maħruba toħroġ tiġri
kif tħoss tinħall il-ġibda li jassritha
mal-qaws, int ħrabtli 'l bogħod, ħamiema bajda;
ħallejtni nħares lejk, togħla w titbiegħed
bla tama li narak mill-ġdid fuq driegħi
ittiegħem, biex iżżoqq, il-qamħ f'idejja.

U ħrabt biex tgħix ħajj'oħra, iżda fil-bejta
ħajjejt id-dell tal-mewt jhedded il-ħajja
t' żewġ ħajjiet. Ħallejthom f'kemm it-tiben
li b'għaqlek ġbart, jgħajtulek biex bħal qabel
titmagħhom. Iżd'għalxejn. Il-karba tagħhom
ma tmiss qalb ħadd. U l-mewt tirbaħ il-ħajja.

Ħamiema, jien nixtieqek tiġi lura
mhux biex titbekka l-ħerba ta' uliedek
iżda biex tgħidli liem' hi l-isbaħ ħajja.

## MISTOQSIJA

L-irwiefen inkurlati qed isaffru
fuq ħemda vojta
li timla' kullimkien u tbeżża' l-bniedem
midfun għejjien ġo daru
wara jum iebes.
Mix-xquq tat-tieqa msakkra
dieħel ixaqqaq l-għadam in-nifs kiesaħ
u jdur madwari.

Min jaf, min jaf xi jrid?

## SAKEMM INSIBU S-SQAQ

Il-lejla t-toroq sfaw sqaqien miċħuda
imwennsa mill-erwieħ magħluqa f'tubu
tan-nejon qed imut f'kull kantuniera.

Nistennew ftit sakemm ix-xemx marida
bis-sħab ta' lewn iċ-ċomb imdewweb tinżel
għal wara d-djar mitlufa fuq ix-xefaq
ta' min, għax ma jafniex, m'hu xejn għalina
u aħjar ma jeżistix.

Jekk tħares bħali tara t-triq quddiemna
imġebbda dritt bħal-lastku bejn is-swaba'
ta' żewġ idejn.

Nitilqu?

L-art riesqa lura taħtna
donnha tapit mibrum qiegħed jinfetaħ
fin-nofs ta' sala. U jien u int nintilfu
ma' l-infinit kif ħdejna nsibu n-numri
jiżdiedu mad-dawriet tal-minutiera.
Ix-xfar tar-roti ma jogħlewx bil-ġiri
għax ħbiebna żellġu l-bitmak. Niġru iżjed
u nqajmu r-riħ paralizzat. Ma' wiċċna
inħossu n-nifs etern iqalleb f'ruħna
u l-eku jidwi l-kliem li qatt ma smajna.
Ix-xagħar jibda jitħabbel
u jdub ħajt ħajt sabiħ biex naqtgħu minnu
il-bojod ta' xulxin u ngħoddu s-suwed.
L-ilbies ta' fuqna jidħol ġo ġisimna
biex juri l-ġmiel li naħbu f'mistiċiżmu
għalina biss.

Nibqgħu niġru......

Sakemm insibu s-sqaq li jrid jifridna
mid-deċiżjoni.
U meta nieqfu, jieqaf ir-riħ magħna
għajjien, għajjien;
ilbiesna jaqa' mkemmex, u nintelqu
nistaqsu l-mistoqsija "Jien min jien?"

## VERSI OĦRA

Inti
qatt ħdimt matul snin twal bil-linka ħamra
ta' demmek fuq il-ktieb tal-ħajja tiegħek?

Naf kemm tgħaxxaqt torbot il-paġni f'daqqa
kuljum u tara n-numri qegħdin joktru.

Iżd'għad ma sibtx il-bniedem li quddiemek
iċarrat mill-ktieb tiegħek l-isbaħ paġni.

U jien u int bnedmin indaqs......

Jien sibtu. U naf xi jfisser toqgħod tqalleb
qalb folji mħarbta. Iżda ma nafx kif nista'
ngħaqqad il-bċejjeċ imxerrdin jew nerġa'
nikteb il-paġni li tqattgħuli b'demmi.

## INSOMNJA

Meta fl-insomnja twila tħoss jitwieldu
ħsibijiet ġodda u moħħok jitqal iżjed
x'tixtieq?

Jiena nixtieq immisshom bejn subgħajja
bħan-noti taħt is-swaba' ta' pjanista
jew bħalek kif inħobbok meta jidlam.

U meta x-xewqat jonqsu waħda waħda
nisħet l-insomnja.

Iżda l-għada bil-lejl xorta nistenna
il-moħħ jerġa' jittaqqal sakemm norqod.

## U META, MULEJ?

Il-lejla wkoll, Mulej, li reġa' ngħalaq
bil-mod il-mod bieb ieħor quddiem wiċċi,
erġajt ħarist fit-tul b'għajnejk f'għajnejja.

Jien naf. Qiegħed tistenna li minn fommi
toħroġ darb'oħra l-mistoqsija eterna
'għaliex?'
u inti ma tweġibx u tibda tqalleb
ġo qalbi sakemm f'moħħi jqum l-imgħoddi
u negħja nistaqsik. U int tirbaħli.

Inti dejjem tirbaħli. Iżda kull rebħa
għadha misterju li jibqa' jirbombja
fil-kurituri mudlamin ta' moħħi,
kuljum, kuljum, sakemm tagħraf ġo wiċċi
iben bħall-bqija.

Imbagħad tħoss bħali l-kesħa ta' hawn barra
u tiftaħ bieb għalija.

U meta, Mulej?

## TALBA

Mulej, int taf li d-dlam qed jaħbi kollox.

Ma nistaqsikx kif nista' b'għajn magħluqa
naqbad it-triq li ftaħtli inti. Anqas
kif nagħraf f'dak li nolqot jien u nogħtor
it-tajjeb mill-ħażin......

Nistaqsik biss kif nista', meta jisbaħ
u nkun għadni fejn jien, nofroq il-folol
li qed irossu fuqi u nagħraf leħnek
minn qalb il-ħsejjes.

Mulej, fadal xej' x'nimxi?

## KRUHA U SBUĦIJA

Min raha fit-toroq qal li hi sabiħa
aktar mill-bqija.
Min sabha fuq ix-xtajta xtaq ġo qalbha
l-imħabba tiegħu.

Ftit wara, meta welldet, f'nofs is-sala
ta' sptar, matul l-operazzjoni,
it-tabib xiħ qal liż-żagħżugħ poeta:
"Din hija r-rejalta'. Ġlieda mal-ħajja.
M'hemmx logħob tal-fantasija."

Il-poeta tbissem:
"Għalik tfisser il-mewt.
Għalija
l-isbaħ poeżija."

U żewġha mbikki staqsa: "Kruha jew sbuħija?"

## IL-QAWWIET TA' ĠO FIJA

Jien naf li l-ħajja tagħna hi sħaba sewda
li tiġri lejl u nhar fuq rasna fl-għoli,
tinħall bil-mod il-mod kif ġewwa fina
inħossu bla ma rridu x'jimbuttana
biex nieħdu deċiżjoni.

Nixtieq nilħaq nintemm qabel ma s-sħaba
iddub u l-eżistenza vojta tibda
timtela biex ma terġa' qatt titbattal.

U jiena rrid li ħajti tibqa' vojta:
deżert maħruq bix-xemx li qatt ma tinżel,
belt kbira ta' l-imgħoddi mingħajr ħajja,
tarbija f'ġuf li tgħix bla ma titwieled.

Irrid kuljum dan kollu iżda nibża'
mill-qawwa tax-xewqat u s-sentimenti
li jqumu sbieħ fit-toroq twal ta' moħħi
għalxejn, mingħajr ma nista' ngħixhom f'ħajti.

## "HUMANAE VITAE"

Mulej,
sakemm jifilħu l-moħħ u s-sensi tiegħi
jien għadni lejl u nhar infittex lilek
f'kull esperjenza li titwieled fija.
Għadni nipprova nifhem għaliex inti
trid tibqa' mbiegħed minni w għaliex tħalli
liż-żgħir jittiekel bla ma jaf mill-qawwi.

Il-moħħ li tajtni nħossu qed jinfetaħ
u jikber ta' kuljum. U ma' kull għodwa
inbati iżjed biex inserraħ rasi
mill-verita'.

Mulej,
f'kull mistoqsija kbira li nistaqsi
nipprova nifhem li hemm inti moħbi.
Jien kollox, kollox irrid nifhem, barra
li inti tista' tħalli bniedem bħali
jitkellem f'ismek biex il-ġmiel tal-ħajja
li inti ħlaqt għal żewġ bnedmin normali
isir f'għajnejna dell tal-mewt u l-kruha.

Illum l-għorrief bla esperjenza tkellmu.
U jiena, bniedem sħiħ, ikolli naħseb
li int tirann għax tajt lill-bnedmin l-oħra
li jafu jħobbu lingwaġġ kbir ta' mħabba
li ma jistgħux jużawh mingħajr il-biża';
jew inti ħanin wisq biex tħalli d-dinja
issir tafek ħażin.

Mulej, 'l-għorrief li reġgħu tkellmu f'ismek
agħtihom l-esperjenza biex iħossu
bħal dawk li ma ċaħdux l-estasi tiegħek.
U lil kull min qiegħed jistenna bħali
li jiġi d-dawl fid-dlam li tefgħu fuqna,
agħtih is-sabar.

## LILEK

Anqas jekk il-Mulej jixgħel fuq rasi
ix-xemx tqila t'Awissu jew il-qamar
u l-kwiekeb f'daqqa. Anqas jekk nagħfas ħdejja
buttuna sewda li tissikka l-bjuda
f'tubu tan-nejon. Anqas jekk il-kelma
ta' l-aqwa lsien tintilef taħt widnejja
fis-seher tat-tlablib li jfittex faraġ.

Anqas. Għalija x-xemx intfiet. Il-qamar
u l-kwiekeb dabu kif tinħall fil-kesħa
ta' l-ilma biċċa silġ. Għalija n-nejon
inħela bħall-flixkun tal-gass kif tagħfsu.

Int tlumni?

Jekk ngħolli ħarsti 'l fuq irrid niftakar
li darba flok iċ-ċpar kien hemm il-ħmura
ta' l-ewwel dawl u l-ikħal ta' fil-għodu..
Jekk nimxi nogħtor lejn is-swiċċ, ma' jdejja
immiss il-wajars maqtugħin u miegħi
jaħasra ma tiġrix ir-rogħda taħraq
li taf teħlisni.

U issa tistaqsini,
minn fejn tinsab fid-dawl, jiena x'qed nagħmel
f'dil-kamra sewda li għalquni fiha
l-imħuħ għajjiena tiegħi u ta' l-ieħor
li fuq l-għoxrin sen'ilu f'ġuf ta' mara
stennieni disa' xhur sakemm imkabbar
rani nitkaxkar bil-karattru tiegħu
imġebbed fija.

Ngħidlek jekk tismagħni.
Qiegħed nistenna li għajnejk mimlija
li jgħumu fuq il-baħar skur ta' wiċċek
donnhom żewġ dgħajjes mixgħulin fuq xefaq
iħarsu lejja u jħalluni naqra
it-tama ta' l-imħabba.

......Imbagħad nistenna x-xemx tarġa' tinħema
taħraq fuq ġismi, u l-liżar ta' dejjem
jimtela bozoz fil-għaxija, u ħdejja
f'kamarti nara l-bjuda artifiċjali.

## LAĦAM

Illum is-sajf, u fuq ix-xtut jaħarqu
hemm gallerija ħajja bl-arti t'Alla,
skultur aqwa mill-griegi.
Kulħadd jiċċaqlaq u mal-movimenti
tintebaħ x'varjeta' tinsab moħbija
fil-forma u l-lewn samran ta' ġisem wieħed.

Illum is-sajf ukoll. U ġewwa s-swali
u l-kurituri twal ta' sptar għaddejja,
bħall-istaġuni l-oħra ta' l-imgħoddi,
il-karba tqila li ma tridx tinstema'
ta' laħam mingħajr lewn u movimenti.

Fuq ix-xtajtiet il-ħin itir minn idek.
U fuq is-sodod iebsa qed jistaqsu
għaliex il-mewt ħanina m'hemmx li tiġi.

Iżda għada meta n-nies ukoll tax-xtajta
ikunu telqu mħabba ż-żmien li jkerraħ
tistaqsunix fejn tkun il-varjeta'.

## LIEMA L-ISBAĦ?

Fanali mixgħulin fuq wiċċ ta' baħar
iswed bil-lejl, u jimxu maċ-ċafċifa
lejn xefaq misterjuż.

Qatriet tax-xita nieżla mgħaġġla ljtektku
fit-triq bil-lejl quddiem iż-żewġ fanali
mixgħula ta' karozza.

## ĦALEL

Ma nafx għalfejn resqin mill-bogħod għal fuqna
isuqu daqs ir-roti ħfief f'tellieqa,
jitqallbu ma' ġisimhom u jinkixfu
ta' ġewwa barra.

Jien nemmen
li ħarbu minn fejn twieldu bla ma jafu
bħal tfal li daħqu bihom,
u kif ix-xefaq wiesa'
jassarhom bejn dirgħajh bdew jiġru
u għadhom jiġru
ifittxu l-eżistenza tagħhom f'ħarba
li tħott is-singular biex tibni
il-wieħed li jinħeba fih innifsu.

U baqgħu magħluqin ġo l-oċejani
li jrażżnu l-enerġija.

Illum
raw lili w lilek li m'aħniex il-ħalel
qed ninxfu għerja fuq il-blat imnezza'
weħidna bejn il-paraventu għoli
fi sfond t'umanita' marida
tiżżerżaq
'l isfel
mat-tarf ta' l-emisferu.

U raw li m'aħniex bħalhom
jekk huma m'humiex bħalna:
jien, int u jien.

Se jibqgħu resqin lejna jistaqsuna
xi jridu huma, u xi rridu aħna.
— Irrid nara mgħarrqin il-preġudizzji
fil-qiegħ tal-baħar
qalb ċimiterji qodma b'ankri mmermra
jittalbu l-qerda mħabbra bl-aħħar trombi. —
Jien, int u jien
nibqgħu kif konna, mmissu t-tarf b'idejna
u ninżlu
nizżerżqu
bħall-bqija jistennew li l-paraventu
jiċċarrat biex jaraw jekk aħniex bħalhom.

## DETERMINIŻMU

Waħdi bla tama nonfoh taħt il-ħalel
u nibla' l-ilma.
Int rajtni. Inżilt ma' ġenbi. Irbattni miegħek
u qdift lejn l-art. U rġajt bdejt ngħix il-ħajja.
Harisna f'wiċċ xulxin. Inti tbissimtli
u jien bżajt minnek. Mingħajr kliem infridna.

Għaddew is-snin. Waħdek tonfoh bla tama
rajtek tintemm mal-mewġ. Inżilt u ħadtek
miegħi lejn l-art. U rġajt bdejt tgħix il-ħajja.
Harisna f'wiċċ xulxin. Jiena tbissimtlek
u int bżajt minni. Mingħajr kliem infridna.

Għaddew is-snin. Weħidna taħt il-ħalel
nonfħu bla tama, bdejna ninżlu 'l isfel.
Harisna lejn xulxin. Jien ridt minn għandek
u int minn għandi l-ħajja. Jien bżajt minnek
u inti minni.
Għaliex?
Inżilna 'l isfel.
Thalltu mal-mewġ l-aħħar qatriet ta' tama
u qalbna ħabbtet l-aħħar daqqa għajjiena
u dab in-nifs.
Għaddew is-snin. Hemm għadna
f'qiegħ l-ilma nistennew min itellagħna
mejtin fuq l-art, u jħoll il-biża' tagħna.

## KORRUZZJONI

Ifhimni. Meta tkun għaddej fil-ġonna
u tieqaf tħares lejn il-purċissjoni
monotona tan-nemel egoisti,
u, bla ma taf xi trid w anqas il-għala,
kollok ammirazzjoni,
iċċaqlaq sieqek u tiknishom magħha, ...

Meta fil-kamra tiegħek fil-għaxija,
fuq wiċċ il-mejda bil-vażun tal-fjuri,
tara jiżdiedu l-petali imkemmxa
u l-ward marid jitgħawweġ fl-agunija
u l-ilma qed jiswied, ...

Meta tkun f'nofs ta' baħar fuq id-dgħajsa
ferħan b'kemm qtajt mill-art u tħoss ma' riġlek
jiżdied l-ilma mingħajr ma taf mnejn dieħel, ...

Meta tilmaħ fl-għoli tal-bjut iperpru
il-ħwejjeġ marbutin ma' biċċa ħabel
u r-riħ jagħfas f'sidirhom biex jaqlagħhom, ...

Ifhimni. Ftakar fija.

— Mal-mewt tan-nemel mietu l-idejali
ta' xitwa kerha w sajf mimli tbatija.

— Il-petali nixfin mingħajr sbuħija
fil-għodu tefgħu ir-rifless ta' lewnhom
fuq wiċċ il-mejda.

— L-ilma li jnizzlek hu l-istess li jsuqek
'il barra fuq id-dgħajsa.

— Fil-ħwejjeġ marbutin hemm spirti mjassra
jokorbu għall-ħelsien
li ħadd, lanqas ir-riħ, ma jista' j'tihom.

U lanqas jien!

## DRAMM F'ŻEWĠ ATTI

*impressjonijiet fuq bidla tat-temp*

Il-ġnien intelaq joħlom u jixxemmex
bħall-folol fuq ix-xtajta. Żiffa għażżiena
titfissed fost il-ward miftuħ u l-weraq
tas-siġar mgħobbijin; tiġri mal-frieghi
li jmissu ma' xulxin, kif id ta' tfajla
tgħodd swaba' ta' żagħżugħ. L-għasfur jinħasad
mad-daqqa u jtir fuq fergħa akbar, mgħobbi
bit-tiben taħt ilsienu. Ġo l-irkejjen
il-qlub ifittxu l-ġmiel tal-ġnien f'ħajjithom,
u mal-kelmiet ta' l-użinjol jitilgħu
fis-skiet, fis-skiet, sat-tarf ta' l-ogħla siġra
l-għanjiet sigrieti ta' l-imħabba. Vaska
mitlufa tobżoq l-ilmijiet tas-saħħa
mingħajr ma tfur u tbiddel il-kuluri
bħal wiċċ quddiem il-mera. F'nofs ħamrija
il-bniedem jagħżel l-ikreh mis-sbuħija
sakemm il-ġmiel jikrieh.

Il-ġnien ma baqax joħlom. Ix-xemx saret
widien ta' xita sewda. Qalb is-siġar
bdew jiġru faxex tqal ta' ċpar li nbarmu
mal-frieghi imwerwrin. Ma' l-ilma ħarbu
il-kaxex vojta u t-truf tas-sigarretti.
L-għanjiet intilfu ma' l-irjieħ u l-vaska
bdiet tfur fis-sakra.

Il-bniedem jagħżel l-ikreh mis-sbuħija
baqa' fejn kien. Mill-moħba ta' l-irkejjen
ħarġu mgħaġġlin il-qlub diżappuntati
ikaxkru l-weraq niexef ma' saqajhom.

## QABEL IDOQQU L-GĦAXRA

Qabel idoqqu l-għaxra
inħossni wieħed mill-allat imxebba'
bihom infushom fil-mitoloġija,
irrid nixtieq,
irrid,
u inti,
int biċċa minn xewqti
kif tikber ġo fija
sakemm jibdilha f'xewqtu min iħobbna.

Min iħobbna?

Kuljum idoqqu l-għaxra.
U inti tixgħel lampa ħdejn is-sodda
qabel noħolmu.
Il-kamra
tostor bil-velu iswed tas-subkonxju
l-erba' ħitan minn rasna 'l fuq sas-saqaf,
u turi minna 'l isfel.
Fuq żewġ uċuħ itellqu
id-dlam u d-dawl madwarna
quddiem żewġ spettaturi.

Nixxiebħu.
Jien nibqa' nixtieq,
u inti,
int biċċa minn xewqti —

Ix-xewqa ta' baħar imqallab
li miexi lejn truf l-univers;
ta' xitla f'deżert il-mibegħda
tistenna li tmiss il-ħamrija
u xxaqqaq il-blat.

Imbagħad wara l-għaxra
ninħlew fil-preludju ta' mewtna
noħolmu x-xewqat.

Fil-għodu maż-żerniq int titfi l-lampa.

## ILLEJLA T-TOROQ

Illejla t-toroq mimlijin bħas-soltu
bin-nies imgħaġġla. Qiegħed ngħid li jridu
jagħtuna l-impressjoni li ħajjithom
qasira wisq biex tiġbor l-idejali
li għadhom kemm bdew jibnu.

Naf x'qed taħseb:
Il-ħajja tagħna t-tnejn hi twila żżejjed.

Jien nemmen bħalek għaliex ma' kull għodwa
insibni, bla ma rrid, quddiem ktieb oħxon
bil-folji vojta biex jimtlew. Fl-għaxija
ikolli nerġa' nisma' l-passi tiegħi
b'ritmu perfett u tqil qegħdin jiżdiedu
mexjin fil-kuritur ta' l-eżistenza.
Għajnejja dejjem jiġru biex isibu
il-kantuniera li tħallini nara
xi differenza.

Illejla t-toroq mimlijin bħas-soltu
bin-nies imgħaġġla. Jiena biss nistenna
iż-żmien, b'sebgħi jiċċaqlaq bejn xufftejja,
għaddej nervuż bil-mod il-mod minn ħdejja.

## ID-DIFFERENZA

*Lil tallab għama li kien ikun ħdejn*
*San Ġwann, il-Belt*

Il-lejla l-ksieħ. U inti hawn bħas-soltu
fir-rokna li ma nbnietx għalik, tittallab
bir-ras baxxuta u b'żewġ għajnejn moħbija
għalxejn wara nuċċali bi ħġieġ iswed.

Illejla n'tik tliet soldi, iżda nistaqsi,
mingħajr ma rridek twieġeb, x'differenza
hemm bejn ix-xejn u l-eżistenza tiegħek
għad-dinja tal-bnedmin, għalik u għalija.

Għall-folol ta' madwarek inti ħaġa
li jeħtieġ tgħib biex il-progress jitkompla.

Għalija l-eżistenza tiegħek tfisser
li jiena ħriġt idi mill-but fil-kesħa
u ħlejt tliet soldi. S'għada ninsa kollox.

Iżda min jaf fid-dlam t'għajnejk kemm tħaddan
għalik misterji kbar din l-eżistenza?

## U ISSA LI L-IRWIEFEN REĠGĦU STENBĦU

U issa li l-irwiefen reġgħu stenbħu
mir-raqda twila u max-xemx qalila
firxu ma' l-art għatxana l-aħħar weraq
tas-siġar imxejħin ġewwa l-ġnien tagħna,
l-għasafar ħasbu li jien w int ħarbatna
l-imħabba tagħhom bejn iz-zkuk mimlija
u kxifna is-sigriet li kien qed joħloq
kuljum tpespisa ġdida fil-għaxija.

Fuq rasna baqa' friegħi sfigurati
imqabbda waħda fl-oħra bħal-Lakuni.

Iżda għada meta r-riħ tinħlielu saħħtu
u x-xemx issir ħanina, 'il fuq fil-għoli
nerġgħu naraw l-istess għasafar tagħna
iduru tond u jistennew li l-friegħi
jerġgħu jiħdaru w jitgħabbew bil-weraq.

Min jaf jekk hix fil-bogħod rebbiegħa ġdida?

## LIL MALTA

Tistenna qatt ja Malta li minn qalbi
għalik toħroġli l-għanja tal-foħrija.

Jien ma ngħannix il-ġmiel qaddis li tnaqqax
fil-wisgħa tal-ġebliet fit-tempji qodma
mitluqa, jew il-fdal mirqum li ġabru
uliedek ġewwa l-ħġieġ. Anqas ma ngħanni
il-ħila tal-qalbiena li ma' ġismek
xerrdu kburin kull qatra demm li tajthom
biex bnewlek isem akbar mill-jedd tiegħek.
Anqas is-seħer tal-bajjiet marbuta
max-xtut li qed jgħolluk fuq baħar ħiemed
li jaf jilgħab bl-ilwien tal-qiegħ moħbija
u joħloq elf fuq sidru u jarġa' jħassar
u jġib, bħal priżma ddur iddur imdendla
taħt xemx ta' Ġunju. Jew ix-xemx li tħobbok
kuljum u ġġib mill-bogħod il-flus fi djarek,
u ssaħħaħ il-frott tajjeb li jitbiddel
f'għasel maħlul kif taqsmu f'ħalqek. Anqas
is-sema li jixgħelli l-fantasija
bil-versi mwielda miegħi, kif fl-għaxija
ibus il-ward imbexxaq bi qtar ħelu
jew jikteb fuqu l-kliem sigriet ta' mħabba
bid-dawl ta' qamar mimli. Anqas il-ħajja
li tajtni ta' poeta.

Da' l-kobor ħolmu bih poeti qabli
u inti tkabbart bih.

Jien ngħanni, Malta, l-jasar li rak tinżel
b'xuxtek ma' l-art biex tqim lil kull setgħani
li xtrak u tlissen wara kelmtu l-ħalfa
ta' xewqtu ħdejn l-allat li ġieblek miegħu.
Jien ngħanni, Malta, l-bluha ta' Vassalli
li ħolom l-ewwel fidwa w b'kelma kbira
sejjaħlek għall-ħelsien, u l-ġenn li wassal

lil Dun Mikiel jinħaraq fuq artalek.
Jien ngħanni d-dnub etern ta' min eif darba
ħalef li hu Taljan quddiem il-folol
u seħet demmu w demmek għaliex Malti.
U l-qlub żonqrin li ċaħħdu lill-Poeta
mill-jedd tal-ġieħ li tefgħu fuq ħaddieħor.
Jien ngħanni l-moħħ marid li fl-apatija
jistqarr iċ-ċokon tiegħu. Ngħanni l-għaqal
ta' min jifred l-ulied mill-omm u jibgħat
id-demm żagħżugħ fl-eżilju biex barrani
iqassam ġidu hawn lix-xjuħ li jifdal
qabel imutu.

Jien ngħanni s-saħta tiegħek sakemm ismek
jinħall fix-xemx u l-ħrafa ta' Settembru
tintesa għal dejjem; sakemm inti tegħreq
u tgħib f'Mediterran li jerġa' jtella'
mill-qiegħ il-fdal maħsul ta' Malta ġdida.

Imbagħad, imbagħad, inħobbok.

## XORTIJA

Ħassejtni kemm-il darba qiegħed negħreq
bil-lejl fin-nofs ta' baħar. Rajtni mdendel
ma' ħajta li ma riedet b'xejn tinqata',
biex ngħib f'irdum. Sthajjilt il-karti kollha
li mlejt bil-kitba tiegħi qed jinħarqu
f'ħuġġieġa nar li ħadd ma seta' jitfi.
Sibt ruħi fuq il-forka qed nistenna
b'għajnejja mgħottijin it-tmiem bla ħtija.

U din, ħabib, m'hix ħrafa. Din xortija!

# *Daniel Massa*

*Twieled f'Żabbar fl-1937. Studja l-Kulleġġ De La Salle, St. Michael's College of Education, l-Universita' ta' Exeter (1963-64) u l-Universita' Rjali ta' Malta minn fejn iggradwa B.A. Hons. fl-1968. Ko-awtur ta' "Kwartett" (1966) u xandar għadd ta' radjudrammi fuq ir-Rediffusion fejn rebaħ it-tieni premju fil-konkors tal-1964-65. Rebbieħ tar-Rediffusion Prose Prize (1966) u tal-British Council Prize for English Studies (1968). Għalliem fl-iskola Sekondarja-Teknika San Ġużepp. Bħalissa jinsab imsiefer fuq scholarship tal-British Council għall-postgraduate Diploma in English Studies. Jittama li jippreżenta t-teżi għall-M.A., Universita' Rjali ta' Malta, fl-1970.*

*Ġo baħar żmerald*
*stennejt ir-raġġi jinkisru fix-xbieki stirati*
*u tiġri mxija ta' biża'*
*nistenna l-Kristu l-qarnita*
*għad-dawl tal-lampara*
*imma ma ġietx*
*għax ir-riħ kien jonfoħ band'oħra*

## MEWT QALB L-GĦERIEN

Meta s-seqer jissiefaq f'Għex-il-Hida,
u r-riħ jiksilha għajnejha
bil-qilla,
u nifisha jissamma'
għall-qlugħ jissajja fil-baħar bla stilla;
meta l-moħħ jiddallam
u l-musbieħ tal-fuħħar jintefa,
u subgħajna joborxu l-ħjeroliflċi f'ħitan
Altamira,
u ħsiebha jirrakkma xfar għajnejja
bi swaba jiżżerżqu fil-fakra
t-triqat minsija ta' xuxitha
mfewħa bil-balzmu u ċedri fl-imsieraħ
ġo beraħ il-bieraħ
fil-għodwa li f'Eden insteraq Adam,
nersaq inħares,
fil-mera ta' nkejja bix-xabla li tilma
lejn wiċċha jiċċaqlaq fl-għadira
jsejjaħli imbissem taħt l-ilma,
u r-riefnu li tiela' mill-baħar ta' issa
jiksilha għajnejha u jkiddli xufftejja,
sa nieqaf nissamma'
għall-għajta ta' seqer il-qilla
li tidwi fl-għerien
x'imkien
fis-skiet t'Għex-il-Hida.

Minflok

nisma' tifel li jitlob,
'il bogħod fin-nofs dawl tal-lampier,
u t-talba li tasal sa ħdejja
mal-mirra u l-bħajr taċ-ċensier
tmellisli bil-ħniena xufftejja
sa nitlef il-qilla f'għajnejja
u ntenni
*Mulejja*
mar-riħ li jiksili għajnejja.

## DELIMARA

Firxu bl-imqieta s-sajjieda
l-kannizzati tal-jablite
f'serje ta' paraboli ferrxu konz u elf sunnara
biex jistadu l-orizzont

bi dritt il-linji tal-lampuki
żlaqt ħafif
bħal minn ġuf ommi għal saqajja
minn fuq l-alka għal taħt il-blat
għax smajt l-għanja tas-sireni
biex il-ħut fiddien nistad
u maċ-ċeren ninżel ngħarrex
fond il-fond fejn għajn ma rat
u bqajt ħiereġ, nieżel,
ħiereġ
wara l-fanfru bluċerkjat
war' elf ħuta w blat imqarnat
ħaxix jiżfen tiela' jiżfen
sa ma jsaħħar il-lampuki taħt il-jablite
illuppjat

u għidt f'qalbi
hawn kont diġa'
— qabel ġarrabt il-fsieqi ta' ġensi
— qabel għalaqt it-twieqi ta' wensi
— qabel ombrajt l-għekiesi
ta' niesi

qalb id-dell tal-kannizzati kont diġa'
forsi mrekken mal-koralli
fi spiralli stalaktiti ma' l-artikli kulurit
sekli ilu kont
diġa'
bla bombli ta' l-arja ma' dahri
bla majka ma' wiċċi
w ħadida ppuntata f'idejja
nniffed ħuta b'denfilara
qalb il-blat ta' Delimara
kont diġa'
u meta jispiċċa l-ossiġenu
kważi kważi
nista' nibqa'
għax f'dawn l-ibħra, qalb din l-alka
kont diġa'.

## NEMESI

Irċevejt ittra mingħand Phalaris
reġistrata mibgħuta express
datata Ġunju '69 iddeċifrajtha
qalli
għidilhom in-nisa tax-xtut
għidilhom
se niġi nkebbsilhom
il-barri tal-bronż
bil-ġamar li jerħu fix-xtut
inkebbes barri tal-bronż

## KAĊĊA

Madwarna l-azzarini ta' b'ħamsa
imm'int inżilt tissamma'
għall-ġiri fil-wita
u bkejt
għax għidt qalbek ħebritek.
Insiġt kullana bi fjur l-amarant
imma bżajt inxiddha fuq rasek
xebba tal-ġmiel
għax kibru sa ġo moħħi l-għeruq għajjura
waqt li straħna
flimkien taħt is-siġar.
Kif stenbaħna
ħarist fl-għadira fonda
sa ħbub għajnejk jilagħbu mistoħbija
u nsejt min jien insejt
wil-mirja t'għajnejk daħku bija
fil-ħaġa muħġaġa jsaqsuni min
jien
mhux ommi jew ibni jew demmi
mhux sidri mixjieti ħtijieti jew drieghi
kitbieti mhux jien anqas demmi
mhux ħsiebi mgħaddab jew ħsusi
għal fenek tal-liebru
li nilmaħ ilebbet ġo riefnu
max-xagħri ta' ruħi ġo sħaba ta' trab.
F'imnifsejna l-polvri
u jaħraq iċ-ċomb madwarna
fejn jilma n-narċis
u l-uċuħ imħassba fl-għadira
jistaqsu min jien
bil-kaċċaturi jduru
għal fniek tal-liebru bil-kanni ta' b'ħamsa
mirati lejn xemx tagħfas tikwi fuq rasna
w int tibki
għax qalbek ħebritek.

## RITRATT

Qalli int tilgħab bis-simboli
hekk tajjeb?

Għidtilha tbissem
b'wiċċek lejn ix-xemx
w għonqok ta' ċinja
sewda
mitluf fiż-żahar tal-larinġ
biex wara li tinża' mas-siġar
ikolli tifkira
ta' xi tlift
meta rbaħt.

## WARDA

Bħal petali ta' warda
        mixtieqa
ma' tlugħ ix-xemx
        fetħet
        l-imħabba.

Bħal petali ta' warda
        mormija
ġo konka minsija
ma' nżul ix-xemx
        nixfet
        l-imħabba.

Ġabret il-petali suwed
        refgħethom
        b'imħabba
fi ktieb it-tifkira
forsi xi darba
terġa' l-imħabba.

## SALON

Qed jitqaxxarli dahri, ħasbet
wiċċha jgħum fil-fwar,
tħares f'mera f'mera f'mera
fl-infinità ta' mirja mtappna
b'elf mara jitqaxxrilha daharha
tħares f'għajnejn imbengla bil-maskara
ġo l-ilma qiegħed mera
tirrifletti
l-qassis il-kbir isawwab is-saltna
t'alla ġo fija.

Irrid inlaqqam id-dwieli sterili
b'zokk selvaġġ minn Kalifornja
nilbes l-abjad tal-verġni vestali
nistkenn max-xtieli tad-dell
noqtol il-wiżgħa fil-kamra tas-sodda
li tiġi kemm ilek li tlaqt
mn'irkant nixtri gandlieri antiki
kull darba
li nħares lejhom nistħajlek miegħi
b'subgħajna nħossu l-lavur.

Irrid ninbidel minn dell mingħajr ġisem
eku mingħajr leħen
ġisem mingħajr ruħ
nibdel ħbub għajnejja ma' dawk ta' raħħala
forsi
ma jitqaxxarlix dahri iżjed
bħas-sriep
meta jinżgħu xjuħithom
ma' l-għomma ta' nofs in-nhar.

## TRAFFIC LIGHTS

F'salib it-toroq
stennejt id-dawl jinbidel
u meta qsamt ma' l-aħdar
id-dwal ta' mitt karozza ġrew għal fuqi

## X-RAY

Inża', qaltli, minn qaddek 'il fuq,
kont ilek tistenna?
Warajha l-minotawru tbissem
fil-bluża bajda
u ħassejt xi ħadd ibaqqan fis-sadid ta'
ruħi
mifruxa tittiekel tul orizzonti ta' dubji.

Lest? lest? qaltli
w għalqet b'isterja l-maġazin ilellex
tefgħetu b'sabta fuq negattivi ta' isdra
proċessati
fl-altalena bejn ħajja u mewt.

Hu nifs qawwi, qalli, żommu
kien il-minotawr
u tisma' r-raġġi jinfdu ġismek
virgi dawl sal-pjanċa kiesħa
u tiffriża f'paraliżi mentali
tieqaf tistenna maż-żmien friżat
f'agunija tal-minutiera wieqfa
titfagħni lura
mal-minotawr fil-labirint ta' ruħi
miflug
f'

## DEFLORAZZJONI

Kif tlajt għajjien mill-baħar
rajt dirgħajha bojod
jiżfnu ma' qasab il-bajja
jsejħuli fir-ramel ta' santa marija
għajnejha flew l-isdra tal-bronż
għad-dell tat-tined fuq l-angle-irons,
u ftakart fik
mitluqa nofs għera fil-gżira ta' Naxos
missieri jistenna fuq l-għolja
qlugħ abjad ħalib

imma xufftejha rotob ħarir
waqt li subgħajha lagħbu ma' xagħri
u ngħasha jħabbat qawwi
fi ħsebijiet Daedaljani.

Issarajt bħal min jissara ma' l-arkanġli
l-lejl kollu fid-dlam
sa nixfet saqajja
u f'widnejja dwiet
tkeffen l-għajta ta' ruħi
l-għajta għatxana t'allat in-natura
jitbandlu ma' qasab il-bajja,

u ħassejt virgi ta' l-azzar iniffdu sa dahri
u ħassejt il-

## PASIPHAE

primittiva
ħassejt qalbha primittiva
tħabbat f'ħolma t'estasi mal-mewġ fuq il-gżejjer
sa tilħeġ
tissara bħal min jissara mal-
bniedem li tela' mill-baħar li jimla
maż-żiffa li tonfoħ punent-majjistru
sas-sħana taffiet
u qomt
immaqdar il-vini varikużi maħruqa
f'riġlejha ċeramika
u tlaqt mgħaġġel
biex ninżel fil-baħar li jofrogħ.

Hu nifs qawwi w ogħdos
naqdef lejn orizzont imbiegħed
fejn missieri jistenna fuq għolja
qlugħ iswed patriċida
fejn int qed tistenna l-Dionyos
mitluqha f'ritwal fuq gżira ta' Naxos.

Tista' tilbes qaltli
w erġajt ilmaħt il-vini varikużi
rrakkmati f'riġlejha kesħin
u l-minotawru warajha jitbissem
jobroxli l-ġewwieni b'difrejh.

U lbist mgħaġġel
fuq wiċċi il-ħarsa ta' alla nkurlat.
Ejja pitgħada, qaltli, naqralek xortik
ħallas int u ħiereġ.

## ABORT

Mill-kappella qalb l-għelieqi
smajt il-għana tat-tfal żgħar
u f'qalbi beriktek, Mulej,
ma' l-inċens fuq l-altar.
'Ma meta ħriġt ħafi
biex nara min għadda fil-Volvo spjetata
it-tarmak samatli riġlejja bin-nar.

Sabiħa bħal Venus de Milo
ix-xebba nklinata nofs nuda
taħt siġra ġo Eden iħammar pepprin.
Agħżżluli vvinata biċċ'għuda
ħa nonqox it-torso t'Adonis u x-xebba msallbin.
Mis-siġra sverġnata qaċċtuli biċċ'għuda
ħa nberred iż-żina taħt siġar dellin.

Fil-kamra mudlama b'persjani magħluqa
fil-fwar li jgħakkisha
duħħan li jaqtagħlha nifisha
l-omm xebba titbandal mitluqa
biex teħles mill-ħlas ta' l-abort.

Mat-tielet siegħa
beżqitu fuq mewġa ta' lożor
l-omm xebba xewqana mikduda bl-imrar
u n-nisa ġo sakra ta' dieqa b'passjoni
jitkarrbu il-mewt tat-tfal żgħar.

*Sawtuni bil-virgi*
*bil-friegħi u l-qasab sawtuni*
*biex neħles din l-art minn dat-tort.*
*Għakksuni, rażżnuni, feruni f'kuxtejja*
*fid-dawl tal-gandlieri feruni*
*biex neħles 'il ġensna mis-seħta u l-ħsara*
*u l-fwar ta' l-abort.*

Ksew il-ġisem bla isem b'petali pepprin
mal-karba li telgħet min-nisa mbikkmin,
u x-xebba bkiet sebat ijiem vizżtu
nhar San Ġwann jaħraq il-frieghi
ta' siġar sverġnati mdellin.

## L-ISKUNA TAL-ĦOLM

Fis-swali tal-qamar,
fl-għelieqi ta' Venere
ma terġax iktar
it-tfajla Skandinava.
Sa ninżel insawwab fir-ramel imxarrab
il-wiċċ alabastru
tax-xebba li dammet il-warda ġo xagħarha
sabiħa bħall-ħolm.

Fl-għelieqi ta' Venere
sa ninżel ħa nishar
mat-tfajla li tilfet xbubitha
fit-tarf ta' l-Għadira,
w nistenna li titla'
mgħobbija
biċ-ċedri u l-plejju u l-balzmu
l-iskuna tal-ħolm.

Ninżel — telgħet u niżlet l-iskuna tal-ħolm —
Sa nogħdos
indur f'qiegħ il-baħar
sa nsawwab darb'oħra
il-wiċċ alabastru
tax-xebba tistenna l-iskuna tal-ħolm.

Fis-swali tal-qamar
ma nerġax naqta' fjuri iżjed.

## GĦID TAL-MEJTIN

Mara tibkix,
sabiħ li torqod bla nikta
għas-serħ ta' lejla bla qamar,
tissamma' fis-sikta
għall-waqgħa tan-nida
li tinżel bħal barka
minn ħdan il-Mulej.

Mara tibkix,
għax xuxtek jiddellel
u ġismek jixxaħxaħ m'għeruq iċ-ċipress.
Għad tinsa mal-ħsus ta' żogħżitek
u l-fwieħ tal-pensjeri
id-deni li jifni
u l-ħolm li ħabbejt.

Fejn hu ż-żiemel abjad
li ħallmek bil-frieghi dellija
u saqek mal-moti tal-qmiepen
fit-toroq imsallba lejn l-għajn t'ilma frisk?
Sabiħ timxi ħafja maż-żiemel bajdani
mara,
tibkix.

F'salib it-toroq
ix-xita ma tinżilx —
kif ngħaddu lkoll siekta
il-vjol u l-pensjeri jitbexxqu f'misteru,
u l-mara misjuqa fin-nida
maż-żiemel bajdani
timlilna żogħżitna bil-kesħa
u l-korla
u n-nikta
fil-Għid tal-Mejtin.

## WERAQ

'Il boghod mill-ġonna taż-żogħżija
mxejt fiċ-ċpar tul il-ħarifa
f's.w.4.
u f'qalbi d-disinji mifruxa
ta' weraq il-għożża
w għaddejt nikser
sinslet il-weraq ma' xfar
il-bankini tul ħarifa f's.w.4.
ma nafx l-għala f's.w.4.

## VJOLA

u l-paraboli telgħu sal-koppla
minn pulptu ta' kawba llustrat,
u d-dwal niżlu qawsalla
minn ġol-ħġieġ vanġelizzat
waqt li x-xemx tinżel mgħarbla u mdehba
mal-gandlieri u l-Kristu tar-ram,
waqt li r-raġġi bħal fili rrakkmati
jdellu x-xebba f'kolonni ta' rħam
telgħin siekta jingħaqdu f'parabola
t'għabra mferrxa fuq xagħar it-tfal żgħar.

W għalaqt għajnejja
fit-triqat minsija tat-tfulija
ħa nbarri ż-żwiemel vjola
mingħajr riedni misjuqin,
w għalaqt widnejja
ħa nbarri ċ-ċekċik fil-plattin
ħa nbarri s-sogħla

tan-nisa ta' Rilke jkeffnuni fil-vjola
il-porpra
ta' Tiru w Sidonja
mifruxa tkeffinni fis-snin li ġejjin,

imma
x-xemx Mulej għadha tbaqqan
mal-ħnejja
mal-basso riljievi tbexxaqli għajnejja
u ma nistax nisħar siegħa
fix-xemx li xaqqitli xufftejja.

Tlaqt għax bżajt Mulej
u fid-dlam ta' ljieli fittixt is-serħ
ngħolli fuq poker ta' l-assi
fl-irwiefen ta' ħajja nofs dwal
sa nżilt sa qiegħ il-baħar
imniġġeż bil-bullar
u wara t-telgħa f'wiċċ il-Eiger
f'tempesta Grigal
stennejthom in-neon jitfgħuli sinjal
juruni triq is-sikta
fil-kunvent ta' Groenendaal.

U xammejt frigħetek ibaħħru Mulej
u rsaqt fid-dlam
u reġgħu ġew
in-nisa ta' Rilke jkeffnuni fil-vjola
hawn m'hawnx deheb, biss
id-dellijiet jilagħbu
tielgħa
fil-ponn tal-kjaroskur.

U fil-baħħ ta' knisja siekta
kxift il-bniedem imkeffen fil-vjola
inżilt għarkubbtejja
u sħart Mulej sa l-għodwa
ta' jum ġdid
u sħart Mulej sa l-għodwa
u sħart Mulej

## PROGRESS

qaluli wara rebħu l-poker b'kulur
                    nirbħu l-ispazju
                    imma mhux iż-żmien
forsi anqas l-ispazju

## SEARCHLIGHT

Xi ħadd imissu wissiena mix-xemx
tax-xjenza moderna
għax qgħadna fil-longa bla għata
u ħadna xemxata.
Għax tlajna f'elliptika mal-qamar
ingerrmu żokritna
għax elf bniedem u wieħed barxu
isimhom fis-sema barxuli għajnejja
ħarisna
f'oċean dwal ta' possibilia
jmissu 'l xulxin taħt l-ilma
w laqqamna r-reliġjon
xewqa rrazzjonali ta' mara tqila
xahrejn qabel twelled tarbija
stimmata bis-siġra tal-qilla.

Tkellimna b'indulġenza fil-klinika Gyne
waqt li blajna l-pilloli tal-ferro
tkellimna fil-futur qalulna
jekk hemm bżonn nibdlulu qalbu
fl-imsieraħ u l-ġonna tkellimna
kull lejla sajfija
sa s-seħer il-jasar u x-xkiel
tal-passat
intilfu ma' miti oħra kristalli
fi bjar ta' campari fil-bar tal-corinthia
u ħriġna bħax-xemx ma' l-għodwa

minn ġuf id-dlam
ħażżiżna l-parabola moderna
ħamsa w disgħin teżi
fuq knisja kastell
l-allat moribondi.

Tassew ngħidilkom
m'għandkomx kenn mis-searchlight fittiexi
tax-xjenza moderna. Ifittxukom
bil-mikro- u t-teleskopju
u bit-tromba tas-servizz
inemmsu x-xebba mifruxa
fir-ramel miexi.

Harisna l-bieraħ ma' l-għodwa
f'orizzont jaħkem gżira f'ċirku
mili-ġnien il-magħluq
ħarisna llum fl-għaxija ġo ċrieki maqsuma
bla tmiem
joktru w jiċkienu
bħal ħabba t'għajn xebba miksura
ma' tluq il-eroj
sabiħ il-qamar il-lejla tfajla
imma mhux għalina.

Illum tassew ngħidilkom l-att erojku
jrid jisboq dak ta' Luteru Bruno
w Galileo — fejn qabel kebbsu
l-ġamra komunali
issa xgħelna n-neon
fejn saltan id-dlam frixna d-dawl
imma fejn kellhom id-dawl
issa writna d-dlam — ftakart
fil-campari bla mixrub fuq mejda ta' rħam
illustrat
u r-raġġi kristalli demmgħuli għajnejja.

Mulej tidħakx jekk ngħidlek
id-dawl ibeżżagħni
mexxina Mulej fid-dlam lejn atlantide
minsija
fejn lgħabna ħames ġebliet fuq bankina
tat-tfulija
jien u l-mara tqila mitlufa fl-ispirtu
jiem ilu meta xagħarha kien deheb
f'għodwa ta' qniepen
bil-fidda mifruxa fuq xagħri

meta anki mad-dalma
l-murtali tal-ftuħ xegħlu triqat
lejn knisja taħt l-ilma.

Staqsejt għall-ispirtu qatgħuli qasir
shart id-dockyard sigħat
fuq it-torn
qaluli aħna naħdmu l-materja
fid-double shift naħdmu r-ram aħmar
ittendi subgħajk għax tkorri

mort fl-imsieraħ inxejjer bandiera
bajda w ħamra biss
ħassejt il-lapida tal-patrijotti
f'Misraħ il-Palazz
skirt mal-qaddisin ta' l-anti-kult
u b'qima sellimt il-bust ta' Dun Karm
int u tiela
l-Bibliotheca

xi ħadd qalli mur il-knisja fil-festi kmandati
qed jiġbru b'risq fonti ta' rħam — u tlaqt
għidt niġi wara
li nimxi max-xebba tul ljieli bla qamar
f'boulevard tul is-Seine ġimgħat sħaħ
nistenna jitkemmex wiċċ l-ilma.

Irrid ngħaddi bil-mod bejn ġebel iħabbat
bla-mmiss-ma'-waħda-għax-mitluf-jien

immur
nilgħab ħames ġebliet max-xebba xuxtha deheb
illum tqila biż-żmien qed-tibża'-li-tkorri
qaltli għidli x'int taħseb

mara tħarisx fiċ-ċrieki t'għajnejja
fuq xufftejna l-ħawħ ikemmex
u l-għeneb qares
imma stabarna
illum u l-bieraħ
għax krejna flat s. pawl il-baħar
ksejna l-intrata bil-marmettone
w għada hemm ċans ta' ftit ċens il-Kappara
mara tħarisx fiċ-ċrieki t'għajnejja
naf kollox hu fieragħ

imxi mmorru int u jien
fiż-żmien meta l-ward jiftaħ
f'kappella minsija
f'widien qalb is-siġar
fejn forsi għad tilma
mitt qama taħt l-ilma.

## INDEĊIŻJONI

Waqaft tistenna b'xuxtek imtajra
fl-arja li kesħet f'daqqa
għall-għajta ta' l-isqra
li tikser ix-xagħri
        'ma meta ħarist f'għajnejk
        ġbidt mal-mogħdija li tagħti għall-baħar
bir-riedni merħija fuq dahar
żiemel abjad skolpit fid-duħħan
u jiena bqajt waħdi fix-xagħri
        bil-kwiekeb ifiġġu madwari.

## KAXXA

Jekk għadha mkaħħla l-wiżgħa fil-kamra tas-sodda
jekk toħlom li miexja ħafja s-Sibt Strada Rjali
jew Igħabt ruħek mal-kixfa ta' disa' dinari
tibżax; ħares 'il fuq u tibżax.

## EPIFANIJA

Le, le tgħidlix bl-isqra fin-naħa
mdallma tal-qamar
u l-uċuħ jitgħajjbu fi ħwat ta' ramel kożmiku
għax l-isqra ma jtarrxunix
id-dħaħen ma jagħmunix
u wara li jdemmgħu għajnejja
ninżel immelles il-krokus li bqajna bla qlajna
fil-jiem meta x-xemx saltnet ħanina
fil-wied tat-tifkira
fuq l-għenieqed imrassa b'inbid iċarċar
ma' xoffti
li titlob miraklu minn driegħ il-Mulej.

Tgħidlix li l-krokus qatt ma jwarrad
fejn smajna l-isqra u l-qerd in-naħal —
oqros it-tyres maż-żrar
farrak mat-tarmak il-mera ta' l-egu bikkiem
u ej' ninżlu ħafjin
sa rkubbtejna nitgħammdu
f'epifanija ta' spirtu
li tifrixna kruċiformi qalb il-qares u l-ġarġir
fil-wied tat-tifkira
imdawwal b'qaws
alla
li jħabbar setgħana dirgħajn il-Mulej.

## PENTEKOSTE II

Tindires
iż-żerriegħa taħt riġlejna mal-vjola ta' l-għeneb
u l-aħdar tas-sagħtar.
Hawn m'hawnx dell
fuq l-asfalt qawsalla ta' petrol m'hawnx kenn
minn xmux il-ħtija; biss
max-xatt l-ilma frisk.

Tiftakar?
ħares f'għajnejja w'ftakar
in-nofs ta' nhar iż-żina
wil-mixja bla rażan fid-dwieli
bil-frieghi mifruxa benniena
nhar l-ewwel imħabba
f'Rebbiegħa għammiela miżgħuda rummien.

Nitgħammdu,
O mara sabiħa bħall-baħar,
fl-għejun t'ilma frisk.
Għax issa x-xgħir jimtela,
għax issa l-ilma joħla
u l-ħut jilma fix-xbieki stirati
f'nofs aħdar żmerald.

Tiftakar?
ħares f'għajnejja w'ftakar.
Hu jdejja ħa ntiru bħal talba
ma' l-ekra li ttir lejn ix-xemx.
Hu jdejja ħa ngħoddsu max-xbieki stirati
b'subgħajna jilagħbu mar-rakkmu w'koralli
ġo baħar żmerald.

# Il-Kritici dwar "Antenni"




It is good to see that there are among us poets who seek new pastures, even though they might eventually return to the old ones. They offer us a guarantee that all our English orientated education has not killed off the desire to keep our poetry alive. Had most of the poems in this anthology been sonnets *a la Dun Karm* or lyrics *a la Rużar Briffa*, I might have been afraid that fossilization was near. But no, there is no danger of that as yet.

*(Paul Xuereb, "Sunday Times of Malta", 2.6.68)*

Din il-ġabra tissieħeb ma' dik fl-ewwel "Kwartett" u ma' "Dħaħen Fl-Imħuħ" u tirrifletti ġenwinament il-pass storiku li qed tagħmel il-letteratura ta' pajjiżna meta nqabbluha fuq linja parallela ma' dik barranija.

*(Philip Sciberras, "Il-Ħaddiem", 23.4.68)*

Our own poets are increasingly joining the ranks of the world's militant poets with poetry that is an acquired taste only insofar as not everyone is 'tuned in' to the great unheavals of modern history, the habits and mores of our times...... all four are poets striving to apply their own poetic chemistry to the forge of modern life...... "antenni' is a significant signpost.

*(Francis Ebejer, "Malta News" 20.4.68)*

The essential aspect of "antenni" in my view is that it represents at least three generations of young men who can think and that profoundly, even though often not in tune with the generations that went before. The trouble with them lies in that sometimes their thought lies "too deep for words" — they are overwhelmed by their own powerful feelings and have not yet mastered sufficient self-control to be able to express themselves lucidly enough for others to follow them.

*(Wallace P. Gulia, "Times of Malta", 24.4.68)*

F'dan il-kuntest ta' tradizzjoni ġdida jidħol il-ktieb "antenni" li hu importanti mhux biss għax hu wieħed mill-ewwel kotba letterarji moderni Maltin, iżda wkoll għax juri tendenzi u perspettivi ġodda...... L-akbar siwi tal-ktieb hu fit-tiġdid tekniku, fl-esperimentazzjoni prosodika u fl-użu intelliġenti u effettiv ta' l-ironija u fil-kostruzzjoni gradata ta' ħsibijiet...... dawn l-elementi kollha jgħaqqdu l-aħjar materjal f'din l-antoloġija mal-produzzjoni poetika ewropeja ta' żmienna.

*(Oliver Friggieri, "l-orizzont", 23.4.68)*

Four Maltese poets...... have done what some may term an unforgivable thing. They have, with their anthology of poems given the symbolical name "antenni", vaulted over the sheer wall of conformism. In a style uninhibited by considerations of fear or favour (they) have forded the deep waters of convention to break new ground where they can express themselves in a manner as untramelled as the whistling wind blowing through a prairie.

*(Lino Spiteri, "Malta News", 2.5.68)*

"antenni" huwa zoo ċkejken wisq biex il-qarrej jitpaxxa bil-kuntrasti tal-personalitajiet tal-erba' poeti esebiti. Min-naħa l-oħra, l-antenni taħt imneħirhom ħerġin minn bejn il-ħadid tal-gaġġa li ssakkarhom, huma twal biżżejjed biex ikunu ta' xkiel għal min ma jogħqodx b'seba' għajnejn miftuħa hu u għaddej minn quddiem kull waħda mill-erba' gaġeġ: it-twerżieq sfrenat tal-poeżija moderna jidwi f'widnejn kull min għandu widnejn.

*(Albert Marshall, "It-Torċa", 21.4.68)*

L-editur ta' dil-ġabra l-ġdida, V. Fenech, tassew jistħoqqlu radd-il ħajr għax naħseb li laħaq il-għan li ried jilħaq b'din il-ġabra. Ma jistax jagħmel servizz aħjar għal-letteratura Maltija.

*(Bernard Mallia S.J., "Problemi tal-Lum")*

"antenni" — a forceful expression of the dynamic cultural evolution. It contains poems by Malta's new generation of literary men — Malta's angry young men of letters. Their anger is not expressed in objectionable terms, but with a vehemence that was unknown to their staid seniors, and with a drive and sincerity that spells well for those who will eventually take over the helm of our island home.

*(Roamer, "Sunday Times of Malta", 15.12.68)*

"antenni" huwa t-tieni fis-sensiela kwartettjana li qed jedita Victor Fenech...... Kull min irid imiss il-polz ta' Malta biżżejjed jaħfen bejn idejh il-paġni tiegħu u jgħarbel b'għajnejn moħħu l-vrus ta' ġo fihom biex jagħraf il-mixja ta' Malta kontemporanja fit-taqbid għall-għajxien materjali u intellettwali tagħha. Il-mera tal-ħsebijiet li jimirħu tul dawn il-paġni fini hija diefja daqs l-attribut ewlieni ta' min kitibhom — is-sinċerita'.

*(Frans Sammut, "Il-Polz" Nru. 6)*

It-tematika tal-poeżiji li nsibu f'"antenni", definittivament mhix iktar dik tal-poeti tradizzjonali tagħna, minn Dun Karm għal Cuschieri, minn R. Briffa għal Patri Delia. L-erba' poeti ta' din l-antoloġija fittxew li joħolqu poeżija li toqgħod għas-servizz tal-liberta', ħaġa li wieħed jistenna wara l-indipendenza u l-maturita' politika li issa laħqu l-Gżejjer tagħna...... Ktieb ta' min jixtrih u jixtarru dan "antenni", għaliex juri x'inhuma t-tendenzi poetiċi maltin ta' dawn iż-żminijiet.

*(Albert M. Cassola, "Il-Qawmien", 28.4.68)*

Ix-xejra tal-erba' poeti hija moderna jew aħjar taż-żmenijiet tal-lum, għaliex il-poeżija dejjem tissejjaħ hekk meta tinkiteb fl-ambjent tagħha. Dawn l-erba' poeti donnhom jridu jiġru ġirja twila u qalila biex jikxfu xfuq ġodda li donnhom jidhru għadhom mistura għal-Letteratura Maltija. Madankollu, il-pass ħafif biex wieħed iseħħlu jilħaq mat-tidwir tal-minutiera qed igħin biex il-poeżija tissed-daq u tirtoqhom dejjem aktar?

*(Pawlu Cachia, "Il-Berqa", 3.5.65)*

Seen in this light, and read by poetry lovers who are unprejudiced, and free from that spirit of aversion which is the result of a too blind and unconditional attachment to the old tradition, this new collection of poems is sure to be hailed as a revelation, a milestone, a work of art which is apt to leave a permanent trace especially among the young.
The poems contained in the book are the direct result of deep, personal emotion, views and experience. They are not an escape from reality, but reality in all its crudity, in all its ugliness, seen through a microscope. Also the figurative language is new, violent sometimes but always impressive.

*(Ġorġ Zammit. "The Bulletin", 30.5.68)*

# *dwar mario azzopardi*

Look in thy heart and write, is a lesson Azzopardi has learned and if what he finds there is disgust and hatred, I can only say that his expression of such sentiments is often powerful, darting out in grotesque or violently coloured imagery.

*(Paul Xuereb, "Sunday Times of Malta")*

Għalkemm il-pessimiżmu ta' Azzopardi mhux faċli tiddefendih, nistgħu ngħidu li, fil-waqt li hu f'kuntrast perfett mal-pessimiżmu romantiku, għaliex ma jagħti l-ebda żvog lis-sentimenti, fih jidhru elementi essenzjali tal-pessimiżmu eżistenzjalista modern.

*(Oliver Friggieri, "l-orizzont")*

Azzopardi is distinguished by a real effort to sculpt images out of original vocabulary and the justaposition of concrete and symbolic definities that surprise the reader practically at every turn with their freshness and preciseness.

*(Francis Ebejer, "Malta News")*

Għalkemm il-letteratura moderna tikkundanna l-eżistenza, l-assurdita' tal-ħajja, fl-istess ħin, il-poeta ma jridx li jinfired minn din il-ħajja. Għalfejn toqtol lilek innifsek u titlef l-opportunita' li tikkundanna dinja ta' grottestiċita' egoista? Għaldaqstant il-poeta Azzopardi jissokta triqtu u jissielet kontra dawk il-forzi esterni li jinħbew taħt il-makni parassiti.

*(Philip Sciberras, "Il-Ħaddiem")*

The poet has been taken up too much by a quality which is very useful in painting — the application of broad sweeps of the brush — to worry himself sufficiently with the details!

*(Wallace Ph. Gulia, "Times of Malta")*

Il-poeżiji ta' Mario Azzopardi jikkonsistu fi t aqqiegħ ta' immaġinazzjoni penetranti u ħafifa daqs artist tat-'trapeze' jew ta' biċċa ballet ta' Nureyev... ma' konċentrazzjoni ta' ħsibijiet u manipulazzjoni tal-kelma skond il-bżonn. Ma rridx nagħti x'nifhem li dal-poeta laħaq sa fejn jista' jilħaq......

*(Bernard Mallia S.J., "Problemi tal-Lum")*

Mario Azzopardi writes with the greatest impact... a passionate, youthful voice whose songs echo all of the undertones of the Western World. As an elder poet, I am forced to acknowledge Mario Azzopardi, and the hundreds of young poets throughout the world, who are making a new spiritual Music for our times. I am forced to acknowledge youth, which too many of us, I feel are too inclined to reject. And I find under the foreign surface of their beards, and long hair, and strange dress they are basically swimming in the same sea of universal understanding in which all of us are trying to keep afloat.

*(Kenneth Lawrence Beaudoin: Festival Letterarju — Oklahoma, Stati Uniti)*

Azzopardi laqatni bħala studjuż introspettiv tal-karattru tiegħu nnifsu u minn dan l-angolu jispikka interessanti ħafna għall-iżvolġiment ta' element drammatiku fil-poeżija tiegħu.

*(Albert Marshall, "It-Torċa")*

# *dwar j.j. camilleri*

Bla dubju ta' xejn dak li għalih jibqa' magħruf Camilleri minn din il-ġabra huwa għall-fatt li fuq it-tfassil ta' Milton f'"Samson Agonistes" ittanta jagħti tfassila Griega lill-poeżija Biblika "Ġuda".

*(Philip Sciberras, "Il-Ħaddiem")*

Of the six poems here, "Sabiħ il-faqar" is an indignant comment on poverty, a topic on which Camilleri feels very deeply but on which he writes almost academically; even his sarcasm lacks punch. "Il-mewt" and "Frak ta' bhima" are more imaginative but I cannot help feeling that they started off as ideas which were then worked up into verse. "Ġuda", a longish piece cast in a form similar to that of Greek tragedy, chorus, messengers and all, is skilful but purely academic exercise, though there are passages in which a personal involvement can be felt to throb. "Fit-tieqa", a short mood poem, is by far the most successful of all the six

*(Paul Xuereb, "Sunday Times of Malta")*

Camilleri ma jmurx fl-eċċessi, la għal dik li hija metrika, jew nuqqas tagħha, u lanqas għall-ħsibijiet. Madankollu, il-komponimenti poetiċi tiegħu għandhom spiss il-preġju ta' l-armonija li tlibbes is-sentiment.

*(Albert M. Cassola, "Il-Qawmien")*

J.J. Camilleri ma tistax ma ssejjaħlux poeta tal-lum, imma għadu marbut ma' ħsebijiet tradizzjonali...... Il-biċċa l-kbira tal-paġni tiegħu ħadithom il-poema-drammatika "Ġuda", minkejja minsuġa b'reqqa, qajla tidher l-oriġinalita' li wieħed jistenna. B'daqshekk ma rridux ngħidu li xi siltiet m'humiex imnebbħin minn leħma bnina u ħelwa.

*(Pawlu Cachia, "Il-Berqa")*

If he is the least represented in this book in terms of titles, it is because his long poem "Ġuda" takes up too many pages. The poem is clever but as the ideas are somewhat repetitive. I would have thought an excerpt would suffice, thus leaving room for more poems like that small gem "Fit-tieqa" with its brilliant understatement of sorrow or others with the same haunting strangeness as "Frak ta' Bhima".

*(Francis Ebejer, "Malta News")*

Camilleri jħares lejn it-tradizzjoni b'mod anti-tradizzjonalista. Hu passiv u reċettiv sa ċertu punt biss — jiġifieri għaliex jieħu l-ispunt tiegħu minn "status quo" aċċettat u milqugħ minħabba l-awtorita' impersunali tat-tradizzjoni. Iżda minn ċertu punt 'il quddiem, iwarrab it-tradizzjoni u jidħol hu bil-kumment tiegħu. Fil-fatt, jekk nista' nkun ġeneriku, ngħid li l-poeżiji ta' Camilleri huma sintesi ta' konformiżmu tradizzjonali u atteġġjament modern.

*(Oliver Friggieri, "l-orizzont")*

# *dwar victor fenech*

It is in Victor Fenech that basic fatalism holds the seed of hope. This is clearly due to the inherent romanticism of Fenech's despair — a Keatsian situation updated. No matter how frustrated he is or despairing of the human condition, he always manages to infuse a glimpse of better things, even at his most ironical. His pièce de résistance is undoubtedly "Dawra Durella"...... All of Fenech is in "Dawra Durella", a form of elegy at the Addolorata — the delicate touches of changing mood, the veiled cynicism, the inverted thought, the persistent thought of and attempt at celebration, the ultimate disillusion, the hope-and-despair syndrome. Fenech's frequent earthy connotations often raise his fatalism to a romantic conception of decayed beauty. In these days of harsh sounds and atonality, Fenech's poems achieve a liltingly melodious nuance that, wedded to themes and ideas that are nothing if not harsh, is most intriguing. Is this unique in our poetry, I wonder?

*(Francis Ebejer, "Malta News")*

Il-letteratura kontemporanja hija bbażata fuq dak li jiena nsejjaħ il-kunċett ta' polarita', jiġifieri, dik it-taqtigħa djalettika bejn il-pożittiv u n-negattiv, bejn id-divin u l-uman, bejn l-assolut u x-xejn. Dan il-kunċett ta' oppożizzjoni jispikka l-aktar fil-poeta Victor Fenech.

*(Philip Sciberras, "Il-Ħaddiem")*

Fenech, like Azzopardi, has few illusions, but the tone of his protests is milder. Even "Burokrazija", the strongest of the protest poems, cannot be called impassioned. "L-Iċken Ġrajja" (a good contrast with the patriotic "L-Akbar Ġrajja" written in 1964, Independence year) is probably the best in its quietly sceptical comment on national celebrations.
As he showed in "Kwartet", Fenech is fond of the short lyric. Three of these are love lyrics, all finely condensed, though marred by an occasional woolliness such as f'*metamorfosi ta' mħabba* and the rather violent dragging of the Vietnam war in "Fuq is-Sur ta' l-Imdina".

*(Paul Xuereb, "Sunday Times of Malta")*

Indeed I have no hesitation in saying that this volume of poetry contains at least two highly significant contributions to Maltese Poetry even from the point of view of traditionalism — Mr. Camilleri's "Ġuda" and Mr. Fenech's "Dawra Durella". Furthermore each one of the four poets has produced some lyrics of merit, Mr. Fenech in this respect being certainly outstanding.

*(Wallace Ph. Gulia, "Times of Malta")*

Fenech għandu viżjoni sintetika tal-fatti. Il-fatti għalih, imqar meta huma koroh, għandhom tifsira li tgħaqqadhom. Din il-konvinzjoni, li tidher sikwit fil-versi ta' Fenech, teffettwa ruħha, fuq il-livell poetiku, fi gradazzjoni ta' ħsibijiet. Fenech jibni kull parti tal-konoxxenza u l-esperjenza tiegħu b'mod analitiku u meqjus.
Għalhekk fi studju sintetiku tal-poeżiji ta' Fenech, konna nkunu nistgħu nħollu biċċa biċċa l-versi tiegħu u nsibu r-rabta u l-arkitettura unitarja li hi l-bażi tar-riżultat li Fenech irid jasal għalih. Il-poeżija tiegħu hi organika u ma' l-ordni mentali tgħaqqad l-ekwilibriju formali.
Din il-gradazzjoni ta' ħsibijiet, madankollu, għandha l-varjazzjonijiet tagħha. Kif, ngħidu aħna, f'"Dawra Durella" l-partijiet jidhru kemm mifrudin u kemm magħqudin fi ħsieb organiku, f'"Dieqa" l-istess gradazzjoni tipprova tillivella d-differenzi fil-ħsibijiet biex tagħti f'xena waħda l-effetti ta' aktar minn sitwazzjoni waħda.

*(Oliver Friggieri, "l-orizzont")*

# dwar raymond mahoney

Raymond Mahoney is the most subjective of the four poets. Reading his poems one almost comes to know the man, his thoughts as well as his days and nights. Autobiography in poetry has its pitfalls; for instance it could cause congestion of self interest that puts up a barrier in the reader's face. Let it be said that such danger does not exist in Mahoney's poems, as long as he continues (delightfully unpredictably as he quite often does here) to leave his fevered cocoon to dart long antennae towards mysterious dimensions he so far seems hesitant to explore too intimately. Mahoney is plain spoken to the point of viciousness sometimes translated by means of some rather striking imagery into more or less just personal comment.

*(Francis Ebejer, "Malta News")*

Raymond Mahoney mhu ċert minn xejn. U hemm qiegħed is-sabiħ tiegħu: il-ġirja sfrenata tat-tfittxija tad-dinja fl-aspetti diversi tagħha. Raymond huwa żagħżugħ b'siequ 'l waħda fuq dħul il-maturita'. Għaddej mill-magħmudija tan-nar. Għadu jħares imgħaġġeb lejn uċuħ il-ħajja, uħud jagħrafhom u jħaddanhom ħesrem imbagħad jitbekka jarahom idubu f'idejh. Oħrajn jibża' jersaq lejhom — ma jafx li fl-aħħar irid bid-debbus ta' qalbu jsir midħla tagħhom, jitwikka u jitqanna bihom sal-mewt. Għalkemm żgħir fil-kejl tas-snin, il-poeta ta' ġo fih qed isejjaħlu biex jagħtih idu, u hu bejn ħaltejn jipprova jlaqqa' t-tnejn flimkien: ir-rejalta' kiefra u l-illużjoni utopika. Il-poeżija "Ma, d-dlam!" tfakkarni fil-kliem ta' Oscar Wilde meta qal li m'għandux għedewwa iżda ħadd minn ħbiebu ma jħobbu...... Il-mużikalita' fil-versi hija sabiħa ħafna wkoll u ssaltan fuqana filvrus kollha ta' Mahoney.

*(Frans Sammut, "Il-Polz")*

L-iktar anti-konvenzjonali fil-format tal-versi ta' dan il-ktieb, Raymond Mahoney, b'tifsil xi drabi futuristiku għal kollox, jagħmel il-post mortem għall-"Milied 1967" u joħroġ b'veritajiet li, madankollu, kienu minn awl id-dinja u jibqgħu sat-tmiem. Mahoney għamel f'dawn il-versi dijanjosi tal-marda soċjali iżda, naturalment, mhux il-pronjosi.
Ħelwin il-versi deskrittivi "Il-belt il-mejta", "Lura d-dar" u "Dwal tal-port" li stħajjilniehom disinji magħmulin bil-pinzell tal-pittur. Fejn jersaq lejn il-filosofija, Mahoney xi drabi mhux ċar biżżejjed fil-ħsieb, iżda versi bħal......fihom armonija li kulħadd jista' japprezza. Riflessjonijiet profondi ssibhom ukoll, madankollu, f'poeżiji oħra bħal "Laissezfaire," "Għad fadal għada," "Għada filgħodu". Mahoney, għall-fantasija, inqisu t-tieni wieħed fost dawn l-erba' poeti, u l-frażijiet li juża, ħafna drabi joħorġu minn qalbu u għandhom it-togħma tal-ħajja żagħżugħa li bdiet tifhem il-problemi ibsin soċjali u individwali.

*(Albert M. Cassalo, "Il-Qawmien")*

Il-versi tiegħu nistħajjilhom tajr tal-karti kkuluriti jtiru fis-sema ta' Utopja — jispiċċa x-xlief u jgħibu wara s-sħab t'hemm fuq......... Mahoney jippreferi jikkonċentra l-qawwa ta' wħud mill-isbaħ poeżiji tiegħu fuq frażi, tnejn jew tlieta, mitluqin jitperpru x'imkien għal nofs il-poeżija......L-għeluq tal-poeżiji ta' Mahoney huwa ġeneralment qawwi u jekk jirnexxielek tinsa ħafna milli intqal qablu, mingħajr ma tkisser is-sekwenza, Mahoney iħallik b'togħma tajba.
Il-fus li fuqu ddur it-tema tal-poeżija ta' Mahoney huwa soċjali — iħambaq il-bżonn ta' riforma mingħajr, imma, ma jirnexxilu jifga' l-elementi didattiċi għal kollox......Minbarra l-"Burokrazija" ta' Victor Fenech, l-aktar tħambiq effiċjenti f'"Antenni" għat-titjib soċjali huwa ta' Mahoney.

*(Albert Marshall, "It-Torċa")*

# Analiżi '70

## poeżiji

### mario azzopardi

"I am fascinated with the poems by Mario Azzopardi because they are so full of ferment, passion, eclat, bold protest They are like a trademark of the free world" — *Kenneth Lawrence Beaudoin*

"Azzopardi's cutting down to size is ruthless, but the post-cathartic glow is deep, brilliant and richly satisfying" — *Francis Ebejer*

### victor fenech

"Il-personalità ta' Fenech hija l-essenza tal-kuntradizzjoni. Bħal Martin Heidegger iħossu bħal wieħed 'miftuħ fl-eżistenza' *(geworfenheit ins dassein)*" — *Philip Sciberras*

"Fenech's frequent earthy connotations often raise his fatalism to a romantic conception of decayed beauty" — *Francis Ebejer*

### oliver friggieri

"Għalija Friggieri huwa wieħed minn dawk il-ftit tassew fost il-ftit li l-poeżija tidħqilhom u tibqa' thennihom sa mewthom. Għalkemm poeta żagħżugħ huwa laħaq diġà livell għoli" — *Karmenu Vassallo*

"Friggieri jinseġ sensiela ta xbihat preċiżi...biex jagħti espressjoni kemm jista' jkun eżatta tal-kumplessita' ta' l-emozzjoni" — *Peter Serracino Inglott*

### daniel massa

"Most of his poems are complex masses of imagery and symbol, his technique being to dissolve one image into another in the manner of the film" — *Paul Xuereb*

"Il-verita' poetika tiegħu jiġborha minn għaqda ta' simboli li jfissru ħafna għal min l-immaġinazzjoni tiegħu lestha twessagħhom f'assoċjazzjonijiet oħra ta' ħsieb u fantasija" — *Guże' Aquilina*



disinn tal-qoxra minn mario azzopardi